KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fid-29 ta' Novembru 2011 [1]

Kawża C-453/10

Jana Pereničová
Vladislav Perenič
vs
S.O.S. financ, spol. sro

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Okresný súd Prešov (Ir-Repubblika Slovakka)]

"Protezzjoni tal-konsumaturi — Direttiva 93/13/KEE — Artikolu (1) u Artikolu 6(1) — Klawżoli inġusti fil-kuntratti għall-konsum — Direttiva 2005/29/KE — Prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur — Kuntratt ta' kreditu għall-konsum li jistipula rata ta' interessi użurarja — Effett tal-prattiki kummerċjali żleali u tal-klawżoli inġusti fuq il-validità globali tal-kuntratt"

Werrej

I — Introduzzjoni 3

II — Il-kuntest ġuridiku 4

A — Id-dritt tal-Unjoni 4

1. Id-Direttiva 93/13/KEE 4

2. Id-Direttiva 87/102/KEE 5

3. Id-Direttiva 2005/29/KE 6

B — Id-dritt nazzjonali 6

III — Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari 7

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja 8

V — Argumenti prinċipali tal-partijiet 8

A — Fuq l-ewwel domanda 8

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż

B — Fuq it-tieni domanda preliminari 9

1. Indikazzjoni żbaljata tar-RAEG bħala prattika kummerċjali żleali 9

2. Effett tal-prattiki kummerċjali żleali fuq il-validitŕ tal-kuntratt 10

VI — Analiżi 11

A — Osservazzjonijiet preliminari 11

B — Fuq l-ewwel domanda 12

1. Livell minimu ta' protezzjoni stabbilit mid-dritt tal-Unjoni 12

a) Prinċipju: Invalidità tal-klawżoli kuntrattwali individwali biss 13

b) Eċċezzjoni: Nullità tal-kuntratt kollu kemm hu 13

2. Possibbiltà għall-Istati Membri li jiżguraw livell ta' protezzjoni ogħla 17

C — Fuq it-tieni domanda 18

1. L-ewwel parti tad-domanda: l-indikazzjoni żbaljata tar-RAEG bħala prattika kummerċjali żleali 19

a) Id-Direttiva 2005/29/KE 19

b) Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE 19

i) Eżistenza ta' prattika kummerċjali 19

ii) Sinjifikat tar-regola ta' delimitazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-direttiva 20

iii) Konklużjoni intermedja 21

c) Eżistenza ta' prattika kummerċjali żleali 21

i) Neċessità ta' interpretazzjoni koerenti tad-dritt tal-protezzjoni tal-konsumaturi .. 21

ii) Eżami tan-natura żleali tal-prattika kummerċjali 23

— Eżistenza ta' azzjoni qarrieqa fis-sens tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 5(4)(a) u tal-Artikolu 6(1)(d) tad-Direttiva 2005/29 23

— Sussidjarjament: konstatazzjoni ta' nuqqas tad-diliġenza kummerċjali 25

d) Konklużjoni intermedja 26

2. It-tieni parti tal-ewwel domanda: il-konsegwenzi ta' prattiki kummerċjali żleali fuq il-validitŕ tal-kuntratt 27

a) Rilevanza tad-Direttiva 87/102/KEE 27

b) Rilevanza tad-Direttiva 2005/29/KEE 27

c) Rilevanza tad-Direttiva 93/13/KE 27

i) Kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva 27

ii) Importanza ta' stħarriġ fuq il-mertu 28

iii) Natura inġusta tal-klawżola tal-kuntratt 29

d) Konklużjoni intermedja 30

3. Sunt tal-konklużjonijiet 30

VII — Konklużjonijiet 31

I – Introduzzjoni

1. Din il-kawża għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari mill-Okresný súd Prešov (Ir-Repubblika Slovakka) (iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") skont l-Artikolu 267 TFUE li biha hija ressqet lill-Qorti tal-Ġustizzja sensiela ta' domandi dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13 dwar il-klawżoli inġusti fil-kuntratti għall-konsum [2] kif ukoll tad-Direttiva 2005/29 dwar il-prattiki kummerċjali żleali fis-suq intern [3].

2. It-talba għal deċiżjoni preliminari tinsab fil-kuntest ta' rikors tal-konjuġi Perenič (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") sabiex tiġi kkonstatata n-nullità ta' kuntratt ta' kreditu għall-konsum iffirmat mal-kumpannija SOS s.r.o. (iktar 'il quddiem "SOS"). Huma jargumentaw li l-kuntratt inkwistjoni kien fih numru ta' klawżoli li kienu ġew konklużi bi żvantaġġ għalihom u li kienu jikkawżawlhom preġudizzju bħala konsumaturi. F'dan il-kuntest, dawn il-klawżoli kellhom jiġu kkunsidrati bħala inġusti fis-sens tad-Direttiva 93/13 u/jew bħala espressjoni ta' prattiki kummerċjali żleali fis-sens tad-Direttiva 2005/29. Huma jikkonkludu minn din iċ-ċirkustanza li l-kuntratt kontenzjuż għandu jiġi ddikjarat null peress li għandu jinftiehem li fl-interess tal-protezzjoni tal-konsumaturi, ma jkunx suffiċjenti li tiġi kkonstatata biss in-nullità parzjali. Huma jikkunsidraw għalhekk li għandha tiġi ddikjarata n-nullità sħiħa tal-kuntratt kollu kemm hu.

3. Din il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u b'mod partikolari li tiċċara f'dan ir-rigward il-mod li bih il-prinċipju stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni fis-sens li l-klawżoli inġusti ma humiex vinkolanti jista' jiġi implementat b'mod li r-rekwiżiti dwar iċ-ċertezza legali u dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjni b'mod korrett. F'dan il-kuntest, għandu jiġi eżaminat jekk il-kwistjoni tal-interess eventwali tal-konsumatur li ma jkunx irid jibqa' marbut b'kuntratt hijiex rilevanti jew jekk għall-kuntrarju, fl-interess tal-istabbiltà tar-rapporti ġuridiċi u tal-awtonomija kuntrattwali, il-konsumatur għandux jintalab josserva kuntratt li jiġi parzjalment annullat. Għandha tiġi eżaminata fl-istess ħin il-mod li bih tiġi eżerċitata l-protezzjoni li joffru dawn iż-żewġ direttivi lill-konsumaturi f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali u jekk il-konstatazzjoni ta' prattika kummerċjali żleali fis-sens tad-Direttiva 2005/29 tistax twassal għal konsegwenzi fil-kuntest tal-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13.

2 — Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol 2, p. 288).

3 — Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttiva 97/7/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali"), (ĠU L 149, p. 22).

II – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-Direttiva 93/13/KEE

4. Skont l-Artikolu 1(1) tagħha, l-għan ta' din id-direttiva huwa li japprossima l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri relatati mal-klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur.

5. Skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13:

"1. Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' buona fede, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur.

[…]

3. L-Anness għandu jkun fih lista indikattiva u mhux eżawrjenti tal-klawżoli li jistgħu jiġu kkunsidrati inġusti."

6. L-Artikolu 4 tad-Direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-karattru inġust ta' klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konklużż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konklużż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu.

2. L-istima tan-natura inġusta tal-klawżoli la għandha tirrelata mad-definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt u lanqas mas-suffiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra, sa fejn dawn il-klawżoli jkunu f'lingwaġġ sempliċi u ċar".

7. L-Artikolu 6(1) tal-istess direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konklużż ma' konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

8. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 jipprovdi:

"L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu l-aktar disposizzjonijiet stretti kompatibbli mat-Trattat fil-qasam kopert minn din id-Direttiva, biex jiżguraw grad massimu ta' protezzjoni għall-konsumatur."

9. Il-punt 1(ġ) tal-Anness tad-Direttiva 93/13 jikkwalifika bħala inġusti l-klawżoli "li jawtorizzaw lill-bejjiegħ jew lill-fornitur li jtemm kuntratt ta' tul ta' żmien mhux stabbilit mingħajr twissija raġonevoli ħlief fejn ikun hemm raġunijiet serji sabiex dan isir."

2. Id-Direttiva 87/102/KEE

10. Id-Direttiva 87/102[4] hija intiża għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-kreditu lill-konsumatur. Hija kienet ġiet irrevokata b'effett mit-12 ta' Mejju 2010 bid-Direttiva 2008/48[5] wara li daħlet fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2008. Sa fejn il-kuntratt ta' kreditu kontenzjuż kien ġie konkluż bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali fit-12 ta' Marzu 2008, id-Direttiva 87/102 biss tapplika għall-fatti fil-kawża prinċipali.

11. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 87/102 jipprovdi dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva tapplika għal ftehim ta' kreditu.

2. Għall-iskop ta' din id-Direttiva:

[…]

e) 'rata ta' ħlas perċentawli annwali' [rata annwali effettiva globali] tfisser il-prezz totali tal-kreditu għall-konsumatur imniżżel bħala persentaġġ annwali ta' l-ammont ta' kreditu mogħti u kkalkulata skond il-metodi li jeżistu fl-Istati Membri."

12. L-Artikolu 4 tad-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-ftethm [ftehim] ta' kreditu għandhom isiru bil-miktub. Il-konsumatur għandu jirċievi kopja tal-ftehim miktub.

2. Il-ftehim miktub għandu jinkludi:

a) dikjarazzjoni tar-rata perċentwali ta' ħlas ta' kull sena

b) dikjarazzjoni tal-kundizzjonijiet li taħthom tista' tiġi emendata r-rata ta' ħlas perċentwali ta' kull sena.

F'każi meta ma jkunx possibbli li tiġi ddikjarata r-rata perċentwali ta' ħlas ta' kull sena [rata annwali effettiva globali], il-konsumatur irid jingħata informazzjoni xierqa fil-ftehim miktub. Din l-informazzjoni għandha tinkludi għallanqas l-informazzjoni li hemm imniżżla fit-tieni taqsima [subparagrafu] ta' l-Artikolu 6(1)."

13. L-Artikolu 14 tad-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti [kuntratti] ta' kreditu ma jidderogawx, bi ħsara għall-konsumatur, mid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li timplimenta jew tikkorrispondi ma' din id-Direttiva.

2. Barra minn dan l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet li jadottaw biex jimplimentaw din id-direttiva ma jiġux evitati bħala riżultat tal-mod kif l-arranġamenti jiġu fformulati, b'mod partikolari bil-mezz li bih l-ammont tal-kreditu jitqassam fuq ħafna ftehim."

4 — Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE, tat-22 ta' Diċembru 1986, għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-kreditu lill-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 326).

5 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/48/KE, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumaturi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102 (ĠU L 133, p. 66).

3. Id-Direttiva 2005/29/KE

14. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/29 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha kif ġej:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal pratti[k]i kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur, kif stabbilit fl-Artikolu 5, qabel, matul jew wara tranżazzjoni kummerċjali fir-rigward ta' xi prodott.

2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġi kontrattwali u, b'mod partikolari, għar-regoli dwar il-validità, it-tfassil u l-effetti ta' kuntratt."

B – *Id-dritt nazzjonali*

15. Il-Kodiċi Ċivili Slovakk fih id-dispożizzjonijiet li ġejjin li jirregolaw il-liġi tal-kuntratti għall-konsum:

"Artikolu 52

1) 'Kuntratt konkluż ma' konsumatur' ifisser kull kuntratt, tkun liema tkun il forma ġuridika, konkluż bejn fornitur u konsumatur.

2) Il-klawżoli ta' kuntratt konkluż ma' konsumatur, kif ukoll kull dispożizzjoni oħra li tirregola r-relazzjoni ġuridika li fiha jinvolvi ruħu l-konsumatur, għandhom dejjem jiġu interpretati f'sens li jiffavorixxu lill-konsumatur li huwa parti fil kuntratt. Il-ftehim jew akkordji kuntrattwali distinti li l-kontenut tagħhom jew l-għan tagħhom huwa intiż sabiex jevita dawn id-dispożizzjonijiet ma humiex validi.

[...]

4) 'konsumatur' ifisser kull persuna fiżika li, għall-konklużjoni u għall eżekuzzjoni ta' kuntratt għall-konsum, ma taġixxix fil-kuntest tal-attività kummerċjali tagħha jew f'attività ekonomika oħra".

Artikolu 53

"1) Kuntratt konkluż ma' konsumatur ma għandux jinkludi dispożizzjonijiet li joħolqu, bi ħsara għall-konsumatur, żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l obbligi tal-partijiet kontraenti (klawżola inġusta). Ma għandhiex titqies bħala inġusta klawżola kuntrattwali dwar l-għan prinċipali ta' eżekuzzjoni jew l-iffissar tal-prezz, jekk din il-klawżola hija fformulata b'mod preċiż, ċar u li tinftiehem, jew jekk il-klawżola inġusta ġiet innegozjata b'mod individwali.

[...]

4) Għandhom jitqiesu bħala klawżoli inġusti li jinsabu f'kuntratt konkluż ma' konsumatur dawk id-dispożizzjonijiet li, b'mod partikolari:

[...]

k) jimponu, bħala penali, fuq il-konsumatur li ma jwettaqx l-obbligi tiegħu, multa f'ammont sproporzjonalment għoli,

[...]

5) Il-klawżoli inġusti li jinsabu f'kuntratt konkluż ma' konsumatur ma humiex validi."

16. Il-Liġi Nru 258/2001 dwar il-krediti għall-konsum kif reċentement emendata tipprovdi:

“Artikolu 4

Kuntratt ta’ kreditu għall-konsum

1) Kuntratt ta’ kreditu lill-konsumatur għandu jiġi stabbilit bil-miktub, u jekk le, bir-riskju ta’ invalidità, u l-konsumatur għandu jirċievi kopja tal-imsemmi kuntratt.

2) Minbarra l-elementi ġenerali, kuntratt ta’ kreditu lill-konsumatur għandu jinkludi,

[...]

(j) ir- rata annwali effettiva globali [RAEG] u l-ispejjeż kollha marbuta mal-kreditu li l-konsumatur irid iħallas, ikkalkolati abbażi ta’ data valida meta ġie konkluż il-kuntratt,

[...]

Jekk il-kuntratt ta’ kreditu lill-konsumatur ma jinkludix l-elementi indikati fil-paragrafu 2, […] (j), il-kreditu mogħti għandu jitqies bħala eżenti mill-interessi u l-ispejjeż.”

17. L-Anness 2 tal-Liġi Nru 258/2001 jiddefinixxi l-metodu tal-kalkolu tar-rata annwali effettiva globali.

III – Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18. Il-kumpannija SOS tipprovdi, bħala istituzzjoni li ma hijiex waħda bankarja, krediti lill-konsumaturi abbażi ta’ kuntratti standard.

19. Fit-12 ta’ Marzu 2008, SOS tat lir-rikorrenti kreditu ta’ SKK 150 000 (EUR 4 979) li kellhom jiġu rimborsati fi 32 rata mensili ta’ SKK 6 000 (EUR 199). It-33 u l-aħħar rata kellha tkun ugwali għall-ammont tal-kreditu, jiġifieri SKK 150 000 (EUR 4 979). Ir-rikorrenti ntrabtu li jirrimborsaw total ta’ SKK 342 000 (EUR 11 352). SOS indikat RAEG ta’ 48.63 %. Issa, skont il-kalkolu li sar mill-qorti tar-rinviju, ir-RAEG kienet fil-verità tammonta għal 58.76 %. SOS ma kinitx ikkalkolat l-ispejjeż inizjali ta’ SKK 2 500 (EUR 83) fl-ispejjeż totali tal-kreditu.

20. Il-kuntratt ta’ kreditu kien jinkludi diversi klawżoli li jiżvantaġġjaw lill-konsumatur. Il-kontenut preċiż tagħhom huwa rriprodott fid-deċiżjoni tar-rinviju. Għall-finijiet ta’ din il-proċedura huwa suffiċjenti li jsir riferiment għal dan id-dokument.

21. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-rikorrenti naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom ta’ ħlas u dan wassal sabiex SOS imponiet fuqhom multa kuntrattwali ta’ EUR 209. Fit-23 ta’ Diċembru 2009, huma ppreżentaw quddiem il-qorti tar-rinviju rikors għall-annullament tal-kuntratt ta’ kreditu.

22. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-kuntratt kontenzjuż fihx klawżola inġusta fis-sens tad-Direttiva 93/13 u liema huma l-konsegwenzi li jsegwu rigward il-validità tal-kuntratt. Iżda fuq kollox tistaqsi sa fejn għandhom jintlaqgħu l-interessi marbuta mal-protezzjoni tal-konsumaturi — pereżempju, billi tiġi kkonstatata n-nullità tal-kuntratt kollu kemm hu — u jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/09 jipprekludux li dan jittieħed inkunsiderazzjoni. Skont il-qorti tar-rinviju, hija neċessarja li issir interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Minħabba f'hekk, hija ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-konsumatur skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, huwa tali li jippermetti, jekk ikunu identifikati klawżoli kuntrattwali inġusti, li jiġi kkunsidrat li l-kuntratt kollu kemm hu ma jorbotx lill-konsumatur, jekk dan ikun iktar favorevoli lill-konsumatur?

2) Il-kriterji li jikkostitwixxu prattika kummerċjali żleali skont id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huma tali li jista' jiġi kkunsidrat li, għalkemm l-operatur isemmi fil-kuntratt [RAEG] anqas minn dak reali, jista' jiġi kkunsidrat li tali aġir tal-fornitur fil-konfront tal-konsumatur jikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali? Id-Direttiva 2005/29/KE tippermetti, jekk ikun stabbilit li hemm prattika kummerċjali żleali, li dan ikollu effett fuq il-validità tal-kuntratt ta' kreditu u fuq il-kisba tal-għanijiet tal-Artikoli 4(1) u 6(1) tal-imsemmija direttiva, meta n-nullità tal-kuntratt hija aktar favorevoli għall-konsumatur?"

IV – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. Id-deċiżjoni tar-rinviju tal-31 ta' Awwissu 2010 waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Settembru 2010.

24. Ir-rikorrenti, il-Gvern Slovakk, Ġermaniż, Awstrijak u dak Spanjol, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu previst fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

25. Fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2011, ir-rappreżentanti tar-rikorrenti u tal-Gvern Slovakk, Ġermaniż, Awstrijak u dak Spanjol, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea dehru sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

V – Argumenti prinċipali tal-partijiet

A – *Fuq l-ewwel domanda*

26. Ir-*rikorrenti* jargumentaw li l-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13, intiż sabiex jiżgura li l-klawżoli inġusti ma jorbtux lill-konsumaturi, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kuntratt li fih klawżoli inġusti għandu jiġi ddikjarat inapplikabbli kollu kemm hu meta dan ser ikun iktar ta' vantaġġ lill-konsumatur u meta dan il-konsumatur jinvoka n-nullità tal-kuntratt.

27. Il-*Gvern Ġermaniż* iqis li l-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13 jistabbilixxi l-prinċipju taż-żamma fis-seħħ tal-kuntratt li fih il-klawżoli inġusti. Huwa biss bħala eċċezzjoni li l-kuntratt kollu għandu jiġi ddikjarat invalidu, jiġifieri meta huwa ma jistax jeżisti mingħajr l-imsemmija klawżoli. Madankollu, billi d-Direttiva 93/13 timmira għal armonizzazzjoni minima tal-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri fil-materja ta' klawżoli inġusti, l-imsemmija Stati għandhom ikunu liberi li jipprovdu għan-nullità totali tal-kuntratt li fih il-klawżoli inġusti meta dan ikun ta' vantaġġ ikbar għall-konsumatur.

28. Il-*Gvern Spanjol* isostni li l-għan tad-Direttiva 93/13 jikkonsisti pjuttost fil-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-kummerċjant milli fil-garanzija tal-awtonomija tal-volontà tal-partijiet. Fid-dawl tal-għan tal-protezzjoni tal-konsumaturi, il-kuntratt jista' jitneżża' mill-effetti, kollu kemm hu, fir-rigward tal-konsumatur meta dak il-kuntratt iwassal għal żbilanċ bi ħsara għall-konsumatur, anki wara li jitneħħew il-klawżoli inġusti.

29. Filwaqt li jirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-*Gvern Slovakk* huwa tal-fehma li hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk il-kuntratt jistax jibqa' jeżisti mingħajr klawżola possibilment inġusta. L-imsemmija qorti tkun obbligata li tislet dawk il-konsegwenzi kollha, skont id-dritt nazzjonali, li jitwieldu minn dik is-sitwazzjoni sabiex tiżgura li l-konsumatur ma jintrabatx mill-klawżola inġusta.

30. *Il-Kummissjoni* tfakkar li, skont il-ġurisprudenza tad-Qorti tal-Ġustizzja, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jagħtu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-kriterji ġenerali tal-eżami tan-natura inġusta, stabbiliti mid-Direttiva 93/13, għal klawżola kuntrattwali partikolari. Ġaladarba ma huwiex ser ikun possibbli li jiġu previsti liema klawżoli kuntrattwali ser jiġu, f'din il-kawża, ikkunsidrati bħala inġusti, ma jistax jiġi evalwat minn qabel kemm dik il-konstatazzjoni tista' twassal għal dikjarazzjoni ta' nullità tal-kuntratt ta' kreditu.

31. Peress li dawn huma sitwazzjonijiet fejn il-kuntratt ma huwiex ser jibqa' vinkolanti fuq il-partijiet skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, il-Kummissjoni ssostni li dan ikun il-każ jekk oġġettivament ikun impossibbli li l-kuntratt inkwistjoni jkompli jiġi applikat mingħajr il-klawżoli li jiġu ddikjarati inġusti. F'dan ir-rigward, il-konstatazzjoni li waħda mill-partijiet ma kinitx ser tikkonkludi l-imsemmi kuntratt fin-nuqqas tal-klawżoli inġusti ma hijiex biżżejjed sabiex tiġi ddikjarata n-nullità tal-kuntratt kollu kemm hu. Madankollu, peress li d-Direttiva 93/13 tistabbilixxi armonizzazzjoni minima fl-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri u b'hekk tippermetti lill-Istati Membri jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni, id-dritt nazzjonali jista' jipprovdi, bl-għan li jiżgura livell ogħla ta' protezzjoni tal-konsumaturi, li l-kuntratt li fih il-klawżoli inġusti ma jorbotx, kollu kemm hu, lill-konsumatur.

B – *Fuq it-tieni domanda preliminari*

1. Indikazzjoni żbaljata tar-RAEG bħala prattika kummerċjali żleali

32. Kemm il-Gvern Ġermaniż kif ukoll dak Spanjol jikkunsidraw li l-indikazzjoni ta' RAEG inqas minn dik realment applikabbli tikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29.

33. Għalkemm id-Direttiva 87/102 tipprovdi għall-obbligu li tiġi indikata r-RAEG, dan l-att ma jirregolax il-konsegwenzi ta' indikazzjoni skorretta tal-imsemmija rata. Barra minn hekk, ir-riferiment fl-Anness II tad-Direttiva 2005/29 għall-Artikolu 3 tad-Direttiva 87/102 fisser li l-indikazzjoni tar-RAEG tikkostitwixxi tagħrif importanti fis-sens tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2005/29. Konsegwentement, in-nuqqas tal-imsemmija informazzjoni kien jikkostitwixxi nuqqas ipprojbit minn din l-aħħar dispożizzjoni.

34. *Il-Kummissjoni* u *l-Gvern Awstrijak*, min-naħa tagħhom, jirrilevaw li l-indikazzjoni skorretta ta' RAEG tista' tiġi kklassifikata bħala prattika kummerċjali żleali, filwaqt li dan il-gvern isostni li dan huwa każ ta' prattika qarrieqa pprojbita mill-Artikolu 6 tad-Direttiva 2005/29. Din il-klassifikazzjoni hija responsabbiltà tal-qorti nazzjonali li għandha b'mod partikolari tistħarreġ, skont il-Kummissjoni, sa fejn il-prattika inkwistjoni kienet kapaċi li tbiddel b'mod sostanzjali l-imġieba ekonomika tal-konsumatur medju.

35. Fil-fehma tal-*Gvern Slovakk*, ir-riferiment għad-Direttiva 2005/29 ma huwiex rilevanti f'din il-kawża. Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' din id-direttiva, mid-digriet tar-rinviju ma jirriżultax li f'din il-kawża dan kien każ ta' strateġija kummerċjali ta' kummerċjant fid-dawl ta' bejgħ ta' prodott. L-indikazzjoni tar-RAEG ma għandhiex fi kwalunkwe każ tiġi kklassifikata bħala prattika kummerċjali.

2. Effett tal-prattiki kummerċjali żleali fuq il-validità tal-kuntratt

36. Ir-*rikorrenti* huma tal-fehma li d-Direttiva 2005/29, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi fil-konfront tal-prattiki kummerċjali żleali, ma tistax tiġi applikata b'mod iżolat fil-konfront tal-iskema ta' protezzjoni tal-konsumatur stabbilita mid-Direttiva 93/13. Għalhekk, hija għandha tiġi interpretata fis-sens li jekk prattika kummerċjali żleali twassal għal preġudizzju tal-konsumatur, din iċ-ċirkustanza għandha wkoll tittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13 bħala ċirkustanza rilevanti sabiex tiġi evalwata n-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt. Konsegwentement, din iċ-ċirkustanza għandha jkollha effetti fuq il-validità tal-kuntratt.

37. Għall-kuntrarju, il-*Gvern Ġermaniż* iqis li, fin-nuqqas ta' riferimenti reċiproċi bejn id-direttivi inkwistjoni, il-konstatazzjoni ta' prattika kummerċjali żleali ma tistax tinfluwenza direttament l-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola. Hija lanqas ma jista' jkollha effett fuq il-kwistjoni tal-validità ta' kuntratt li fih klawżoli inġusti, peress li d-Direttiva 2005/29 ma tapplikax, kif jirriżulta mill-Artikolu 3(2) tagħha, għall-kwistjonijiet ta' validità tal-kuntratt. Madankollu, il-konstatazzjoni ta' prattika kummerċjali żleali tista' tittieħed inkunsiderazzjoni bħala ċirkustanza li takkompanja l-konklużjoni ta' kuntratt li għaliha jirreferi l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13.

38. Skont il-*Gvern Spanjol*, l-eżistenza ta' prattika kummerċjali żleali, bħalma hija l-indikazzjoni skorretta tal-RAEG, għandha effett, konformament mal-Artikoli 4(1) u 6(1) tad-Direttiva 93/13, fuq il-validità tal-kuntratt globali ta' kreditu lill-konsumaturi, bil-kundizzjoni li n-nullità tal-imsemmi kuntratt tkun vantaġġjuża għall-konsumatur.

39. Il-*Gvern Awstrijak* iqis li d-Direttiva 2005/29 teskludi li l-prattiki kummerċjali żleali jista' jkollhom effett fuq il-validità ta' kuntratt ta' kreditu għall-konsum. Fil-fatt, fir-rigward tal-Artikolu 13 tal-imsemmija direttiva, il-piena tan-nullità tal-kuntratt inkwistjoni tkun sproporzjonata. Barra minn hekk, peress li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2005/29 jistipula li din id-direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kuntratti, u lanqas, b'mod partikolari, għar-regoli dwar il-validità, it-tfassil jew l-effetti tal-kuntratti, għandu jiġi kkunsidrat li konstatazzjoni ta' prattika kummerċjali żleali ma jkollhiex effett fuq il-validità tal-kuntratt.

40. *Il-Gvern Slovakk* jiddeduċi mill-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2005/29 li l-kwistjoni tal-indikazzjoni skorretta tar-RAEG kellha tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 87/102 u 93/13. Filwaqt li jirreferi għad-digriet tas-16 ta' Novembru 2010, Pohotovosť [6], l-imsemmi gvern jikkunsidra li l-indikazzjoni skorretta tar-RAEG tista' tikkostitwixxi ċirkustanza li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni

6 — Digriet tas-16 ta' Novembru 2010 (C-76/10, Ġabra, p. I-11557).

waqt l-evalwazzjoni, mill-qorti nazzjonali, jekk klawżola ta' kuntratt hijiex ċara u tistax tinftiehem fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/13. Konsegwentement, tali evalwazzjoni tista' twassal għal konklużjoni dwar in-natura inġusta tal-klawżola tal-kuntratt anki jekk din tirrigwarda l-element essenzjali tal-kuntratt bħalma huwa l-prezz tal-kreditu.

41. *Il-Kummissjoni* tosserva li d-Direttiva 2005/29 teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-kwistjonijiet dwar il-validità tal-kuntratt skont l-Artikolu 3(2) tagħha, filwaqt li fl-istess ħin tipprovdi għal armonizzazzjoni kompleta tar-regoli dwar il-prattiki kummerċjali żleali. Konsegwentement, leġiżlazzjoni nazzjonali li tippenalizza eventwali ksur tal-imsemmija direttiva bin-nullità tal-kuntratt tal-kreditu kollu kemm hu ma hijiex possibbli. Madankollu, peress li d-Direttiva 87/102 ma tipprovdix piena konkreta fil-każ ta' indikazzjoni skorretta tar-RAEG u barra minn hekk tagħmel armonizzazzjoni parzjali tar-regoli nazzjonali fil-qasam tal-kreditu għall-konsum, huwa kull Stat Membru li għandu jadotta, f'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet xierqa. Fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-imsemmija Stati huma obbligati li josservaw il-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' effettività.

VI – Analiżi

A – *Osservazzjonijiet preliminari*

42. Id-domandi preliminari jirrigwardaw aspetti differenti marbuta mas-sistema ta' protezzjoni maħluqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jipproteġi l-konsumaturi kontra l-użu ta' klawżoli inġusti fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet ma' kummerċjanti. Sabiex din il-kwistjoni titpoġġa fil-kuntest oġġettiv tagħha u qabel ma nipproċedi għall-eżami tad-domanda nnifisha, jidhirli li huwa xieraq li nippreżenta fil-qosor l-elementi essenzjali ta' dan il-mekkaniżmu ta' protezzjoni kif kienu ġew inizjalment iddefiniti mil-leġiżlatur tal-Unjoni u li fuqhom il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ħalliet l-impronta ċara tagħha.

43. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sistema ta' protezzjoni implementata mid-Direttiva 93/13 tiddependi fuq il-kunċett li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ fil-konfront tal-kummerċjant, kemm f'dak li jirrigwarda s-setgħa tiegħu waqt in-negozjati kif ukoll il-livell ta' informazzjoni, liema sitwazzjoni twasslu sabiex jaċċetta l-kundizzjonijiet redatti minn qabel mill-kummerċjant, mingħajr ma jkun jista' jeżerċita xi influwenza fuq il-kontenut tagħhom [7]. Fid-dawl ta' din l-inferjorità, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva jipprovdi li l-klawżoli inġusti ma jorbtux lill-konsumaturi. B'hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza, din hija dispożizzjoni imperattiva li hija mmirata sabiex tissostitwixxi l-ekwilibriju formali bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-kontraenti b'ekwilibriju reali li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejniethom [8].

44. Sabiex tiżgura l-protezzjoni mitluba mid-Direttiva 93/13, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet diversi drabi li s-sitwazzjoni ta' inugwaljanza li teżisti bejn il-konsumatur u l-kummerċjant tista' tiġi kkumpensata biss b'intervent pożittiv, esterjuri għall-partijiet waħedhom fuq il-kuntratt [9]. Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-qorti nazzjonali hija marbuta tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali [10]. Is-setgħa tal-qorti li teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola tikkostitwixxi "mezz xieraq kemm sabiex jintlaħaq ir-riżultat stabbilit fl-Artikolu 6 tad-direttiva, jiġifieri li jiġi prekluż li konsumatur individwali jkun marbut bi klawżola inġusta, kif ukoll sabiex tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 7, peress li tali eżami jista'

7 — Sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2000, Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (C-240/98 sa C-244/98, Ġabra p. I-4941, punt 25), u tas-26 ta' Ottubru 2006, Mostaza Claro (C-168/05, Ġabra p I-10421, punt 25).

8 — Sentenzi Mostaza Claro (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 36), u tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, Ġabra p. I-4713, punt 25).

9 — Sentenzi Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 27); Mostaza Claro (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 26), u tas-6 ta' Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones (C-40/08, Ġabra p. I-9579, punt 31).

10 — Sentenza Asturcom Telecomunicaciones (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 32).

jkollu effett dissważiv li jwassal sabiex ma jintużawx aktar klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi minn bejjiegħa jew fornituri mal-konsumaturi"[11]. Din is-setgħa mogħtija lill-qorti ġiet ikkunsidrata bħala neċessarja "sabiex tassigura lill-konsumatur protezzjoni effettiva, fid-dawl b'mod partikolari tar-riskju għoli li huwa ma jkunx jaf id-drittijiet tiegħu jew li jsib diffikultà biex jeżerċithom"[12].

45. Huwa minnu li d-domandi li l-qorti tar-rinviju tqajjem fid-deċiżjoni tagħha għandhom rabta mas-sistema ta' protezzjoni li l-elementi essenzjali tagħha huma deskritti hawn fuq; madankollu, dawn id-domandi jirrigwardaw aspetti ġuridiċi differenti. Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi qabel kollox spjegazzjonijiet dwar il-portata tal-protezzjoni li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi lill-konsumatur. Hija tixtieq issir taf fl-aħħar nett jekk dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jippermettux lill-Istati Membri li, f'każ li teżisti klawżola inġusta, jipprovdu fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tagħhom il-konsegwenzi ġuridiċi tan-nullità tal-kuntratt kollu kemm hu, fl-eventwalità li dan ikun iktar favorevoli għall-konsumaturi miż-żamma fis-seħħ tal-kuntratt mingħajr il-klawżola inġusta. Ir-risposta għal din id-domanda tirrikjedi eżami tal-problema tan-nullità parzjali tal-kuntratti għall-konsum kif ukoll tal-kundizzjonijiet taż-żamma tagħhom fis-seħħ. Min-naħa tagħha, it-tieni domanda tqajjem suġġett kemmxejn differenti, jiġifieri l-interazzjoni bejn l-istrumenti legali li bihom il-leġiżlatur tal-Unjoni jrid jiżgura l-protezzjoni tal-konsumatur fil-kuntest ta' ċerti prattiki kummerċjali li għandhom jiġu kklassifikati bħala żleali. L-ewwel nett dawn huma d-Direttivi 93/13 u 2005/29 li għalihom il-qorti tar-rinviju tirreferi b'mod espliċitu. Peress li dawn id-domandi preliminari tressqu fil-kuntest partikolari tal-konklużjoni ta' kuntratt ta' kreditu għall-konsum, matul l-evalwazzjoni tagħhom, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 87/102.

46. Fid-dawl tad-differenzi tematiċi tad-domandi, dawn għandhom jiġu ttrattati separatament u fl-ordni indikat.

B – *Fuq l-ewwel domanda*

47. Sabiex tkun tista' tingħata risposta għall-ewwel domanda, jeħtieġ qabel kollox li jiġi ċċarat liema huma r-regoli partikolari stabbiliti mid-Direttiva 93/13 f'dak li jikkonċerna ż-żamma possibbli fis-seħħ tal-kuntratti f'każ ta' eżistenza ta' klawżoli inġusti. Għal dan il-għan, huwa neċessarju li nipproċedu għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tagħha filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-għanijiet tal-leġiżlatur espressi fil-premessi tagħha.

1. Livell minimu ta' protezzjoni stabbilit mid-dritt tal-Unjoni

48. Fid-dawl tal-fatt li minn naħa, id-Direttiva 93/13 tistabbilixxi l-minimu tad-dispożizzjonijiet u min-naħa l-oħra, hija tippermetti derogi individwali fil-livell tal-Istati Membri, sabiex tiddetermina l-portata tal-protezzjoni rikjesta mid-dritt tal-Unjoni, huwa neċessarju li tiġi ċċarata fl-ewwel lok il-kwistjoni ta' liema miżuri l-Istati Membri huma obbligati jadottaw skont id-Direttiva 93/13 sabiex jipproteġu lill-konsumatur. Konsegwentement, waqt li qed issir l-interpretazzjoni, għandhom qabel kollox jiġu eżaminati d-dispożizzjonijiet ġuridiċi vinkolanti li l-leġiżlatur impona fid-direttiva tiegħu fuq l-Istati Membri u li fl-aħħar mill-aħħar jikkostitwixxu l-minimu tal-livell ta' protezzjoni stabbilit mid-dritt tal-Unjoni. Għandha ssir distinzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet vinkolanti u d-dispożizzjonijiet li jagħtu lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiddeterminaw l-ordinament ġuridiku tagħhom.

11 — Sentenzi tal-21 ta' Novembru 2002, Cofidis (C-473/00, Ġabra p. I-10875, punt 32), u Mostaza Claro (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 27).

12 — Sentenzi Cofidis (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 33), u Mostaza Claro (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 28).

a) Prinċipju: Invalidità tal-klawżoli kuntrattwali individwali biss

49. Il-punt tat-tluq tal-interpretazzjoni hija d-dispożizzjoni ċentrali tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 għaliex hija tiddefinixxi l-konsegwenzi ġuridiċi li, skont il-volontà tal-leġiżlatur, għandhom iseħħu f'każ li jintużaw klawżoli inġusti. Minn dan jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jipprovdu b'mod obbligatorju fl-ordinament ġuridiku tagħhom li l-klawżoli inġusti li jinsabu f'kuntratt konklużż ma' konsumatur minn kummerċjant 'ma jkunux jorbtu lill-konsumatur'. Mill-formulazzjoni użata f'din id-dispożizzjoni jidher diġà li l-konsegwenza ġuridika tan-nullità ordnata mil-leġiżlatur f'din id-direttiva tapplika biss favur il-konsumatur filwaqt li l-klawżola kuntrattwali meqjusa bħala inġusta tibqa' vinkolanti għall-kummerċjant.

50. Din id-dispożizzjoni hija kkompletata mir-regola tat-tieni inċiż tal-Artikolu 6(1) li taħt ċerti aspetti jinkludi preċiżazzjoni tal-ewwel regola. Minnha jirriżulta li l-Istati Membri jintrabtu li jiżguraw li l-"kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti". Skont din id-dispożizzjoni, klawżola kuntrattwali inġusta ġġib magħha biss u normalment in-nullità ta' dik il-klawżola biss u ż-żamma fis-seħħ tal-kumplament tal-kuntratt li jibqa' jorbot lill-partijiet wara li l-iżvantaġġi li jolqtu lill-konsumatur jiġu eliminati. Dan jikkorrispondi wkoll għall-interprezzjoni li l-Avukat Ġenerali Tizzano diġà sostna fil-konklużjonijiet li huwa ta fil-Kawża Ynos [13]. Kif spjega b'mod konvinċenti, din il-leġiżlazzjoni għandha tinftiehem fid-dawl tal-għan prinċipali mfittex mil-leġiżlatur. Fil-fatt, hija intiża sabiex ittejjeb il-pożizzjoni kuntrattwali tal-konsumatur billi tevita li jintrabat bi klawżola inġusta. Għall-kuntrarju, il-kummerċjant ma għandux jiġi protett minnhom; għalih, l-eliminazzjoni ta' klawżola jew ta' klawżoli tista' possibilment tidher bħala inqas żvantaġġjuża u, konsegwentement, huwa jista' jkollu interess li jeħles mill-obbligi tal-kuntratt [14]. Fir-rigward tal-funzjoni ta' protezzjoni, l-Artikolu 6(1) ikun iwassal għal riżultat kuntrarju jekk il-validità ta' klawżola jew ta' klawżoli twassal dejjem għall-invalidità tal-kuntratt kollu kemm hu, irrispettivament minn fatturi oħra

51. Konsegwentement, ir-regola li tinsab fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 tista' tiġi interpretata fis-sens li f'każ li teżisti klawżola inġusta, l-Istati Membri ma humiex bħala regola ġenerali marbuta li jiddikjaraw in-nullità tal-kuntratt kollu kemm hu. Għall-kuntrarju, il-konsegwenzi tan-nullità għall-konsumatur jistgħu bħala regola ġenerali jkunu limitati għall-klawżola inkwistjoni filwaqt li l-kuntratt innifsu jinżamm fis-seħħ [15].

b) Eċċezzjoni: Nullità tal-kuntratt kollu kemm hu

52. Madankollu, kif tindika b'mod ċar il-prepożizzjoni kundizzjonali ("jekk") li tinsab fit-tieni inċiż tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva, il-konsegwenza ġuridika taż-żamma fis-seħħ tal-kuntratt ma hijiex bla eċċezzjoni. Fin-nuqqas ta' klawżola inġusta, il-kuntratt għandu jibqa' fis-seħħ għaż-żewġ kontraenti, sakemm dan ikun possibbli. Dan ifisser, f'sens oppost, li l-kuntratt ma jipproduċi ebda effett vinkolanti fil-każ fejn huwa ma jistax jibqa' fis-seħħ mingħajr dik il-klawżola inġusta.

53. Din il-konklużjoni tqajjem il-kwistjoni li ġejja dwar skont liema kriterji għandu jiġi evalwat jekk kuntratt "ikun[x] kapaċi jkompli jeżisti" mingħajr il-klawżola inġusta skont din id-dispożizzjoni. Ir-risposta għal din id-domanda tkun tidher bħala partikolarment importanti fid-dawl tal-fatt li l-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf x'sinjifikat għandu jingħata lill-interess effettiv u/jew preżunt tal-konsumatur dwar in-natura mhux vinkolanti tal-kuntratt.

13 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano tat-22 ta' Settembru 2005, Ynos (C-302/04, sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Ġabra p. I-371).

14 — Iċċitati iktar 'il fuq (punt 80).

15 — F'dan is-sens, ara T. Pfeiffer, fi *Das Recht der Europäischen Union* (editjat minn E. Grabitz/M. Hilf), Vol. IV, A5, Art. 6, punt 10, p. 3, li jikkonkludi mill-kliem użat fit-tieni inċiż tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva li l-konsegwenzi ġuridiċi tan-natura inġusta ta' klawżola (skont id-dritt nazzjonali: l-ineżistenza, in-nullità assoluta jew relattiva jew in-natura mhux vinkolanti tal-klawżola) għandhom bħala regola ġenerali jkunu limitati għall-klawżoli inġusti, li jfisser li l-kuntratt jibqa' fis-seħħ għall-kumplament.

54. Kif spjegaw korrettement uħud mill-partijiet waqt il-proċedura, wieħed jista' teoretikament jipprospetta evalwazzjoni bbażata kemm fuq kriterji suġġettivi kif ukoll fuq kriterji oġġettivi. Fil-każ ta' evalwazzjoni bbażata fuq kriterji suġġettivi li huma bbażati primarjament fuq l-interessi effettivi u/jew preżunti tal-konsumatur bħala kontraent, il-qorti nazzjonali tkun tista' teżamina fil-każ imressaq quddiemha jekk invalidità sħiħa tal-kuntratt tkunx iktar favorevoli għall-konsumatur. Iżda tista' wkoll issir evalwazzjoni bbażata fuq kriterji oġġettivi li jindikaw li l-kriterju rilevanti għandu jkun pereżempju l-possibbiltà li jitkompla l-kuntratt minkejja n-nullità ta' ċerti klawżoli partikolari inġusti.

55. Bħala regola ġenerali, il-qorti tar-rinviju tiddetermina bid-domanda tagħha l-oġġett tal-evalwazzjoni ġuridika li trid titwettaq. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-oġġett tad-domanda preliminari jirrigwarda unikament ir-rilevanza possibbli tal-kriterji suġġettivi — jiġifieri l-vantaġġi tal-kuntratt għall-konsumatur — fil-każ tal-evalwazzjoni ta' żamma possibbli fis-seħħ ta' kuntratt. Sa dan il-punt, l-eżami li għandu jitwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja jkun jista' jiġi limitat għal dan l-aspett, mingħajr ma jkun assolutament neċessarju li jiġi estiż is-suġġett tal-eżami u lanqas li tiġi eżaminata r-rilevanza li jista' jkollhom kriterji oħra. Hija għal din ir-raġuni li jiena sejjer neżamina qabel kollox jekk l-Istati Membri humiex obbligati mid-Direttiva 93/13 li jipprovdu fid-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom li, fir-rigward tal-kwistjoni ta' eventwali żamma fis-seħħ ta' kuntratt parzjalment null, għandux jittieħed inkunsiderazzjoni l-interess effettiv u/jew preżunt tal-konsumatur li jżomm in-natura vinkolanti tal-imsemmi kuntratt.

56. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għal din id-domanda għandha tkun negattiva. Argumenti importanti jimmilitaw kontra interpretazzjoni fis-sens li l-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk kuntratt jistax jeżisti mingħajr il-klawżola inġusta skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 6(1) għandha ssir skont kriterji suġġettivi.

57. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 diġà waħedha tikkostitwixxi argument kontra tali interpretazzjoni.

58. Fil-fatt, fid-direttiva ma jingħadx litteralment li kuntratt huwa invalidu kollu kemm hu fil-każ li dan ikun iktar vantaġġjuż għall-konsumatur. Għall-kuntrarju, mill-mod li bih hija redatta din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-leġiżlatur xtaq jipprovdi n-nullità tal-kuntratt kollu kemm hu biss f'każijiet eċċezzjonali limitati. Dan jista' jiġi dedott mill-fatt li huwa esprima din il-konsegwenza ġuridika biss f'inċiż u llimitaha għal każijiet iddefiniti b'mod ċar. Il-paragun tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' din id-dispożizzjoni jappoġġja din l-interpretazzjoni fis-sens li l-eżistenza tal-kuntratt għandha tikkostitwixxi r-regola u ma tkunx tiddependi fuq il-possibbiltà ta' sitwazzjoni iktar vantaġġjuża għall-konsumatur.

59. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mit-tnejn u għoxrin premessa tad-Direttiva 93/13 li hija f'dan ir-rigward redatta b'mod saħansitra iktar ċar mir-regola nnifisha. Minnha jirriżulta li minkejja n-natura mhux vinkolanti ta' klawżoli inġusti individwali stabbilita mill-Artikolu 6(1) "kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti". Din il-formulazzjoni tindika l-possibbiltà oġġettiva tal-eżistenza tal-kuntratt inkwistjoni. Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni li jitħalla jeżisti l-kuntratt ma tiddependix minn parti kontraenti waħda imma pjuttost, fil-probabbiltà kollha, minn evalwazzjoni oġġettiva li għandha ssir minn parti newtrali. Il-leġiżlatur ma jsemmi xejn fid-direttiva tiegħu li l-fatt li n-natura mhux vinkolanti ta' kuntratt ikun iktar vantaġġjuż għall-konsumatur għandu jikkostitwixxi kriterju determinanti. Li kieku l-leġiżlatur kien ta importanza lil dan l-aspett, huwa seta' jinkorpora fir-regoli kriterju suġġettiv bħalma huwa l-fatt li l-konsumatur ikun kapaċi jitlob li jibqa' marbut minn kuntratt parzjalment null. Il-fatt li rrinunzja għal dan huwa prova li din kienet deċiżjoni konxja li ma jadottax tali leġiżlazzjoni.

60. Dan jindika fi kwalunkwe każ li la mill-formulazzjoni u lanqas mill-istruttura tad-Direttiva 93/13 ma jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk il-kuntratt jistax jibqa' jeżisti mingħajr il-klawżola inġusta fis-sens tal-Artikolu 6(1) għandha tkun ibbażata fuq is-sitwazzjoni tal-konsumatur u fuq sitwazzjoni eventwalment iktar vantaġġjuża għalih f'każ ta' annullament tal-kuntratt.

61. Wieħed jasal għall-istess konklużjoni jekk jipproċedi għall-interpretazzjoni tal-għan tad-Direttiva 93/13.

62. Kif diġà spjegajt fil-kuntest tal-introduzzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, is-sistema ta' protezzjoni maħluqa bid-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'pożizzjoni iktar dgħajfa li jinnegozja u għandu inqas informazzjoni disponibbli u dan iwassal sabiex bħala regola ġenerali, huwa jaċċetta l-kundizzjonijiet ifformulati minn qabel mill-kummerċjant, mingħajr ma jkun jista' jinfluwenza l-kontenut tagħhom. Skont il-volontà tal-leġiżlatur Ewropew, għandu jiġi rrimedjat dan l-iżbilanċ li jirriżulta bejn id-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-direttiva, bil-fatt li klawżola li tkun ikkunsidrata bħala waħda inġusta tiġi ddikjarata bħala li ma hijiex vinkolanti fuq il-konsumatur bis-saħħa tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13. Il-Qorti tal-Ġustizzja korrettement inkludiet din id-dispożizzjoni fost ir-regoli vinkolanti li fl-aħħar mill-aħħar jimmiraw sabiex jissostitwixxu l-bilanċ formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fil-kuntratt b'bilanċ reali li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejniethom.

63. Kif jirriżulta mis-sitt premessa tagħha, id-Direttiva 93/13 trid, għal dan l-għan, "li jitneħħew klawżoli inġusti minn dawn il-kuntratti". Madankollu, kif diġà muri, hija ma tridx li jiġu ddikjarati nulli l-kuntratti kollha kemm huma minħabba klawżola inġusta li jkun fihom. L-għan imfittex mil-leġiżlatur jikkonsisti esklużivament sabiex jistabbilixxi mill-ġdid il-bilanċ u mhux li jannulla l-kuntratt kollu kemm hu. Dikjarazzjoni ta' nullità tal-kuntratti kollha kemm huma, irrispettivament mill-interessi tal-konsumatur, ma hijiex ser ikollha l-effett li tirristabbilixxi l-ugwaljanza bejn il-kontraenti. L-intervent korrettiv intiż sabiex jistabbilixxi mill-ġdid il-bilanċ tal-kuntratt konkluż bejn il-partijiet fl-eżerċizzju tal-awtonomija kuntrattwali tagħhom jimmira preċiżament sabiex isewwi dan il-kuntratt u fl-ebda każ sabiex jannullah.

64. Barra minn hekk, dan jaffettwa l-bażi tat-tranżazzjonijiet kummerċjali mwettqa b'mod responsabbli mill-operaturi. L-awtonomija kuntrattwali tkun it-telliefa kbira ta' sistema ta' protezzjoni li tordna n-nullità tal-kuntratti kollha kemm huma b'mod kategoriku u mingħajr eċċezzjoni jekk dan ikun utli biss għal waħda mill-partijiet fuq il-kuntratt. Fil-fatt, il-konsumatur unilateralment ivvantaġġjat jinħeles mill-kompitu li jiżen sewwa l-vantaġġi u l-inkonvenjenzi qabel ma jassumi obbligi kuntrattwali u konsegwentement li jaġixxi b'mod raġjonevoli. Sa hawnhekk, l-approċċ adottat mil-leġiżlatur fid-direttiva tiegħu jieħu inkunsiderazzjoni b'mod korrett dan il-prinċipju li għandu pożizzjoni importanti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [16], sa fejn huwa jillimita ruħu għal dak li huwa neċessarju sabiex jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejn il-kontraenti filwaqt li jordna li l-partijiet jintrabtu bil-kuntratti eżistenti li huma kkonkludew liberament.

65. Konsegwentement, is-sitwazzjoni ġuridika tippreżenta dehra differenti għal kollox jekk l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' kuntratt li fih klawżola inġusta tiddependi esklużivament milli jingħaraf liema hija s-sitwazzjoni l-iktar vantaġġjuża għall-konsumatur. Fil-fatt, f'dak il-każ ser ikun hemm ir-riskju li r-relazzjoni bejn il-konsumatur u l-kummerċjant titpoġġa mill-ġdid fil-periklu, u din id-darba esklużivament favur il-konsumatur. Għalkemm l-iżbilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali favur il-kummerċjant jiġi eliminat, u dan jikkorrispondi għall-għanijiet tad-direttivi, il-bilanċ imfittex mil-leġiżlatur ma huwiex sejjer b'daqshekk jiġi ggarantit. Il-leġiżlatur kellu l-iskop fid-direttiva tiegħu li jipprovdi għal kumpens għall-iżvantaġġi li jolqtu lill-konsumatur. Madankollu, ma jistax jiġi preżunt li huwa ried iqiegħed lill-konsumatur f'pożizzjoni ġuridika iktar favorevoli mis-sitwazzjoni li fiha normalment jinsabu żewġ imsieħba kuntrattwali tal-istess grad fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom. Strettament, ma teżisti ebda raġuni oħra li tista' tkun oġġettivament iġġustifikata sabiex il-konsumatur jinħeles mill-obbligi li jitwieldu minn kuntratt konkluż ma' msieħeb tal-istess grad meta huwa jkun assuma dawn l-obbligi b'mod liberu u meta fehem il-portata tagħhom.

16 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' spiss għamlet riferiment fil-ġurisprudenza tagħha għall-prinċipju ta' awtonomija tal-volontà fl-espressjonijiet differenti tiegħu. Ara s-sentenzi tad-9 ta' Marzu 2006, Werhof (C-499/04, Ġabra p. I-2397, punt 23); tal-5 ta' Ottubru 1999, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-240/97, Ġabra p. I-6571, punt 99); tat-30 ta' April 1998, Bellone vs Yokohama (C-215/97, Ġabra p. I-2191, punt 14), u tal-10 ta' Lulju 1991, Neu *et* (C-90/90 u 91/90, Ġabra p. I-3617, punt 13).

66. Dan jikkorrispondi wkoll għall-fehma tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fil-kawża Ynos. Hemmhekk huwa spjega li jista' jkun hemm deroga għar-regola li tinsab fid-Direttiva 93/13 li kuntratt għandu jibqa' jeżisti minkejja l-eżistenza ta' klawżola inġusta, biss meta l-kuntratt inkwistjoni ma jistax jibqa' jeżisti mingħajr il-klawżola inġusta; dan ma huwiex possibbli, għall-kuntrarju, meta jkun jidher *a posteriori* li waħda mill-partijiet ma kinitx ser tikkonkludi l-ftehim fin-nuqqas ta' dik il-klawżola [17].

67. L-argumenti mressqa b'rabta mal-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' awtonomija kuntrattwali u tal-garanzija tal-bilanċ tar-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-kummerċjant u l-konsumatur għandhom fl-aħħar nett jiġu evalwati fid-dawl ta' għan ieħor tad-Direttiva. Fil-fatt, għandu jitfakkar li skont l-ewwel premessa, id-Direttiva 93/13 kienet ġiet adottata bil-għan li jiġi stabbilit is-suq intern b'mod progressiv [18]. Kif jindikaw it-tieni u t-tielet premessa tad-Direttiva, l-għan tagħha huwa dak li jelimina d-differenzi sostanzjali fil-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri dwar il-klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi. Minbarra protezzjoni aħjar tal-konsumatur, il-leġiżlatur ried ukoll, skont is-seba' premessa, jistimola l-attività ekonomika fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ("il-bejjiegħa ta' merkanzija u l-forniturі ta' servizzi b'hekk ser jingħataw għajnuna fix-xogħol tagħhom tal-bejgħ ta' merkanzija u l-provvista ta' servizzi, sew f'pajjiżhom kif ukoll ġos-suq intern kollu"). Madankollu, attività ekonomika tista' tiżvolġi biss fejn iċ-ċertezza legali hija ggarantita lill-operaturi ekonomiċi. F'dan ir-rigward, il-protezzjoni tal-aspettattiva tal-operaturi ekonomiċi tikkontribwixxi għall-eżistenza fit-tul tar-relazzjonijiet kuntrattwali. Leġiżlazzjoni li tissuġġetta l-validità ta' kuntratt kollu kemm hu għall-interess ta' waħda biss mill-kontraenti mhux biss ma tippermettix li tiġi stimolata din l-aspettativa iżda tista' wkoll tikkompromettiha fuq tul ta' żmien. L-istess kif ir-rieda tal-kummerċjanti sabiex jikkonkludu kuntratti ma' konsumaturi tista' tonqos minħabba f'hekk, l-għan li jiġi stabbilit suq intern jista' f'dan il-każ jispiċċa fix-xejn. Ir-regola stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13 tieħu inkunsiderazzjoni wkoll ta' dan, fis-sens li hija limitata sabiex tiżgura l-bilanċ fir-relazzjonijiet kuntrattwali.

68. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li s-sitwazzjoni suġġettiva tal-konsumatur fil-konfront tal-parti l-oħra fuq il-kuntratt la għandha tiġi kklassifikata bħala inġusta u lanqas ma tista' tiġi kkunsidrata bħala l-kriterju determinanti li tiddeċiedi l-futur tal-kuntratt. Għall-kuntrarju, jiena nikkunsidra li jeżistu fatturi oħra determinanti bħal, pereżempju l-possibbiltà effettiva li tinkiseb l-eżekuzzjoni tal-kuntratt li tista' tiġi evalwata b'mod oġġettiv [19]. Din il-possibbiltà ma teżistix fi kwalunkwe każ jekk minħabba n-nullità ta' klawżola waħda jew iktar, il-bażi li fuqu tiddependi l-konklużjoni tal-kuntratt tisparixxi għaż-żewġ kontraenti [20]. Nullità globali tal-kuntratt tista', pereżempju, allura tiġi kkunsidrata eċċezzjonalment jekk jista' jiġi ammess li t-tranżazzjoni ma tiġix konkluża mingħajr dik il-parti li hija nulla skont il-volontà effettiva u konkordanti jew ipotetika taż-żewġ kontraenti minħabba li l-*għan* jew in-*natura ġuridika* tal-kuntratt ma jibqax l-istess. L-eżami sabiex jiġi stabbilit jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex sodisfatti f'din il-kawża għandu jsir mill-qorti nazzjonali li tintalab tapplika d-Direttiva 93/13 u/jew il-miżuri ta' traspożizzjoni.

17 — Konklużjonijiet Ynos (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 79).

18 — F'dan il-kuntest, in-nuqqas li jittieħed kont tal-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni ssottometta wkoll l-għan tas-suq intern għall-kundizzjoni tal-osservanza tal-prinċipju ta' awtonomija tal-volontà li jsib l-espressjoni tiegħu fil-libertà kuntrattwali diġà msemmija. L-awtonomija tal-volontà, l-ekonomija tas-suq u l-kompetizzjoni jintrabtu b'mod inseparabbli bejniethom (ara K. Riesenhuber, *Privatrechtsgesellschaft: Entwicklung, Stand und Verfassung des Privatrechts*, Tübingen 2007, p. 13 *et seq*.). L-awtonomija tal-volontà timplika l-eżistenza ta' suq u tistimola l-kompetizzjoni, il-protezzjoni kontra d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni tiżgura l-eżistenza ta' suq u, għalhekk, il-libertà tal-għażla tal-persuni kkonċernati. Il-prinċipju ta' għażla ħielsa mill-individwu tar-relazzjonijiet ġuridiċi tiegħu skont il-volontà tiegħu huwa l-bażi komuni tal-libertajiet fundamentali li jestendu l-possibbiltà ta' azzjoni b'mod awtonomu lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri.

19 — E. Kapnopoulou, *Das Recht der missbräuchlichen Klausel in der Europäischen Union*, Tübingen 1997, p. 152, jikkunsidra li ma jkun hemm l-ebda possibbiltà ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt jekk in-nuqqasijiet li jaffettwawh wara l-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' ċerti klawżoli jidhru fl-aħħar mill-aħħar importanti wisq.

20 — Il-kundizzjoni tal-eżistenza tal-kuntratt hija dik li l-kuntratt – skont il-verżjoni Ġermaniża – jista' jeżisti "auf derselben Grundlage" (fuq l-istess bażi). Din il-formulazzjoni xi ftit ambigwa tħares lejn eżistenza ta' kuntratt bl-istess kundizzjonijiet. Dan jirriżulta mill-paragun ma' verżjonijiet lingwistiċi oħra li jsemmu l-kundizzjonijiet kollha tal-kuntratt (bil-Franċiż: "selon les mêmes termes"; bl-Ingliż: "upon these terms"; bit-Taljan: "secondo i medesimi termini"; bl-Ispanjol: "en los mismos términos"). Din il-kundizzjoni hija sodisfatta jekk il-kuntratt jista' jeżisti skont l-għan u n-natura ġuridika tiegħu anki jekk mingħajr il-klawżoli inġusti tiegħu (ara T. Pfeiffer, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 11, p. 3).

69. Il-qorti nazzjonali għandha rwol importanti fl-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk kuntratt jistax jeżisti minkejja l-eżistenza ta' klawżola inġusta [21], mhux biss minħabba l-ħakma tagħha tad-dritt nazzjonali, imma wkoll minħabba l-għarfien tagħha tal-kuntest attwali tal-kawża li għandha tiġi deċiża. F'dan il-kuntest, jiena niċċita, pereżempju, is-sentenza Freiburger Kommunalbauten [22], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali partikolari fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/13 "għandha tiġi evalwata billi tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-merkanzija jew tas-servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt u billi jsir riferiment, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, għaċ-ċirkustanzi kollha tal-konklużjoni tiegħu [23]". F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet b'mod partikolari l-ħtieġa li tiġi eżaminata l-klawżola kuntrattwali kontenzjuża fil-kuntest ġenerali tad-dritt nazzjonali rilevanti. Fil-fatt, hija waslet għall-konklużjoni li f'dan il-kuntest, "għandhom ukoll jiġu evalwati l-konsegwenzi li l-imsemmija klawżola jista' jkollha fil-kuntest tad-dritt applikabbli għall-kuntratt, li jimplika eżami tas-sistema ġuridika nazzjonali" [24]. Minn dan jirriżulta li f'ċerti każi, id-dritt nazzjonali huwa wkoll rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk kuntratt jistax jeżisti minkejja n-nullità parzjali tiegħu [25].

70. Fil-qosor, għandu jiġi konkluż li l-Istati Membri ma jintrabtux bid-dritt tal-Unjoni li jipprovdu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom li f'każ ta' konstatazzjoni ta' klawżoli inġusti f'kuntratt għall-konsum, dan tal-aħħar, ikkunsidrat kollu kemm hu ma jorbotx lill-konsumatur jekk dan huwa iktar vantaġġjuż għalih. Konsegwentement, ma hemmx kunflitt mal-livell ta' protezzjoni stabbilit bid-Direttiva 93/13 meta d-dritt tal-Istati Membri jipprovdi li l-volontà reali u/jew preżunta tal-konsumatur li ma jridx jibqa' marbut b'tali kuntratt ma għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-validità tal-imsemmi kuntratt.

2. Possibbiltà għall-Istati Membri li jiżguraw livell ta' protezzjoni ogħla

71. Issa għandu jitfakkar li d-Direttiva 93/13, kif tindika b'mod ċar it-tnax-il premessa tagħha, tagħmel biss armonizzazzjoni parzjali u minima tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-klawżoli inġusti [26]. Fil-livell normattiv, insibu l-idea ta' armonizzazzjoni minima bħala l-bażi tad-direttiva, prinċipalment fl-Artikolu 8 li jipprovdi espressament għad-dritt tal-Istati Membri, fil-qasam irregolat bid-direttiva, li jadottaw dispożizzjonijiet iktar stretti, kompatibbli mat-Trattat, sabiex jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni lill-konsumatur. Bil-maqlub, jista' jiġi dedott minn din id-dispożizzjoni li jkun inkompatibbli mal-obbligi li jirriżultaw mid-direttiva li jkun hemm deroga iktar 'l isfel, jiġifieri li jiġu adottati dispożizzjonijiet li jiżguraw livell ta' protezzjoni tal-konsumatur li jkun inqas minn dak li

21 — Ara d-digriet Pohotovosť (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 61).

22 — Sentenza tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, Ġabra p. I-3403).

23 — Sentenza Freiburger Kommunalbauten (iċċitata iktar 'il fuq, punt 21).

24 — *Ibid.* Il-konsegwenzi ta' konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali jistgħu jkunu differenti minn ordinament ġuridiku għal ieħor. Din hija waħda mir-raġunijiet li għaliha l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jippreċiża li l-klawżoli inġusti għandhom "ma jkunux jorbtu" lill-konsumatur. Din id-dispożizzjoni tillimita ruħha sabiex tipprovdi riżultat partikolari li għandu jiġi żgurat li jintlaħaq mill-Istati Membri fit-traspożizzjoni tad-direttiva, mingħajr madankollu ma tippreċiża fid-dettall jekk il-klawżola inkwistjoni għandhiex tiġi ddikjarata invalida u/jew nulla. Għall-kuntrarju, din taqa' taħt id-dritt nazzjonali li jistabbilixxi l-konsegwenzi ġuridiċi preċiżi. Fl-aħħar nett, l-użu ta' kunċetti newtri mil-leġiżlatur tal-Unjoni huwa bbażat fuq l-għarfien tal-multipliċità tal-ordinamenti u tradizzjonijiet ġuridiċi ta' dritt ċivili fi ħdan l-Unjoni (dwar l-oriġini tad-dritt ċivili Ewropew, ara M. Rainer, *Introduction to Comparative Law*, Vienna 2010, p. 27 *et seq*).

25 — Ara E. Kapnopoulou, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, p. 151) li jsostni li d-Direttiva 93/13 ma fihiex kunċett ġuridiku eżawrjenti u definit. Hija tiddefinixxu biss il-linji gwida u, għad-definizzjoni preċiża tal-konsegwenzi ġuridiċi, tirreferi għad-drittijiet nazzjonali tal-Istati Membri. Huma l-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali li jiddeterminaw x'għandu jsir mill-kuntratt li fih xi nuqqasijiet. Skont il-każijiet, dan għandu jkun ibbażat fuq id-dritt mhux vinkolanti, fuq l-interpretazzjoni supplimentari tal-kuntratti, fuq ir-riformulazzjoni tiegħu jew fuq in-nullità ġenerali tiegħu.

26 — Sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid (C-484/08, Ġabra p. I-4785, punti 28 u 29).

għalih timmira d-direttiva. Kif diġà indikajt fil-konklużjonijiet fil-Kawża Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid, din l-introduzzjoni ta' livell minimu ta' armonizzazzjoni tħalli diskrezzjoni wiesgħa lill-Istati Membri [27] li huma marbutin biss bil-limiti ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri prinċipalment id-dritt primarju [28].

72. Huwa għalhekk li l-Istati Membri jistgħu wkoll jirregolaw b'mod iktar strett l-effetti tan-nullità fid-dawl tal-protezzjoni tal-konsumaturi minn dak li huwa stabbilit bl-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13. L-adozzjoni ta' miżuri nazzjonali iktar stretti bbażati fuq l-Artikolu 8 li jistabbilixxu n-nullità ta' kuntratt kollu kemm hu fil-każ ta' eżistenza ta' klawżola inġusta waħda jew iktar, sa fejn dan ikun iktar vantaġġjuż għall-konsumatur [29], hija l-espressjoni tal-eżerċizzju legali tal-poter mogħti mil-leġiżlatur tal-Unjoni bl-għan li jintlaħaq livell ta' protezzjoni ogħla tal-konsumaturi.

73. Ma għandux ikun hemm dubju dwar il-kompatibbiltà ta' tali leġiżlazzjoni nazzjonali li sservi għall-protezzjoni tal-konsumaturi mal-għan imsemmi hawn fuq li jiġi stabbilit suq intern [30], sakemm ma jippreġudikawx il-libertajiet fundamentali b'mod sproporzjonat [31]. Iżda l-evalwazzjoni ta' din il-kwistjoni tiddependi fl-aħħar mill-aħħar mill-kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali nnifisha.

74. Minn dawn il-kunsiderazzjonijet preċedenti kollha jirriżulta li l-Istati Membri huma liberi li jipprovdu fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tagħhom l-effetti ġuridiċi tan-nullità ta' kuntratt kollu kemm hu fil-każ fejn dan ikun iktar vantaġġjuż għall-konsumatur mill-eżistenza tal-kuntratt. Id-dritt tal-Unjoni ma jistabbilixxix limitazzjoni għall-effetti ġuridiċi tan-nullità tal-klawżola inkwistjoni.

C – *Fuq it-tieni domanda*

75. Din id-domanda preliminari fiha żewġ partijiet. Bl-ewwel parti, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-indikazzjoni skorretta tar-RAEG f'kuntratt ta' kreditu għall-konsum tikkostitwixxix prattika kummerċjali żleali skont id-Direttiva 2005/29. Bit-tieni parti tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq issir taf x'inhuma l-konsegwenzi li din il-klassifikazzjoni ta' prattika kummerċjali żleali jista' jkollha fuq il-validità tal-kuntratt inkwistjoni.

27 — *Ibid.* (punti 28 u 29).

28 — Fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-poter li jattribwilhom l-Artikolu 8 tad-direttiva, l-Istati Membri għandhom josservaw il-limitazzjoni ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kemm id-dritt primarju, inkluż il-libertajiet fundamentali, kif ukoll id-dritt sekondarju (E.Kapnopoulou, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, p. 163).

29 — Fil-fatt, kif jispjega korrettement E. Kapnopoulou, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, p. 162), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu biss regoli li jikkostitwixxu "żieda" fil-konfront tal-livell ta' protezzjoni tad-Direttiva 93/13 u mhux ukoll regoli li jikkostitwixxu "aliud" jiġifieri "nuqqas".

30 — Ara l-punt 67 ta' dawn il-konklużjonijiet.

31 — F'dan ir-rigward, fir-rigward ta' attivitajiet speċifiċi tal-għoti ta' kreditu għal skopijiet kummerċjali, għandha tiġi kkunsidrata b'mod speċjali l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u, sa fi grad inqas, il-moviment liberu tal-kapital (ara s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006, Fidium Finanz, C-452/04, Ġabra p. I-9521, punt 43; fuq il-libertà li jingħataw is-servizzi, ara F. Weiss/F. Wooldridge, *Free Movement of Persons within the European Community*, tieni edizzjoni, Alphen aan den Rijn 2007, p. 123 *et seq*). Għall-kuntrarju, fil-każ ta' kuntratti ta' bejgħ ta' oġġetti mobbli, huma rilevanti d-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija.

1. L-ewwel parti tad-domanda: l-indikazzjoni żbaljata tar-RAEG bħala prattika kummerċjali żleali

a) Id-Direttiva 2005/29/KE

76. Fir-rigward tal-ewwel parti tad-domanda, għandu jiġi osservat li d-Direttiva 2005/29 tipproċedi għal armonizzazzjoni sħiħa tar-regoli relatati mal-prattiki kummerċjali żleali tal-impriżi fir-rigward tal-konsumaturi. Dan ifisser li l-Istati Membri — għajr għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 93/13 — ma jistgħux jadottaw miżuri iktar stretti minn dawk stabbiliti fid-direttiva u dan anki jekk biex jintlaħaq livell ta' protezzjoni ogħla tal-konsumaturi [32].

77. Waħda mid-dispożizzjonijiet prinċipali tad-Direttiva 2005/29 hija l-Artikolu 5 li jipprojbixxi l-prattiki kummerċjali żleali u barra minn hekk jistabbilixxi l-kriterji li jippermettu li tiġi ddeterminata n-natura żleali. B'hekk, skont l-Artikolu 5(2), prattika kummerċjali hija żleali jekk hija kuntrarja għar-rekwiżiti tad-diliġenza kummerċjali u jekk hija tbiddel jew kapaċi tbiddel b'mod sostanzjali l-komportament ekonomiku, fil-konfront tal-prodott tal-konsumatur medju. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(4) tad-direttiva jiddefinixxi żewġ kategoriji preċiżi ta' prattiki kummerċjali żleali, jiġifieri l-"prattiki kummerċjali li jqarrqu" u l-"prattiki kummerċjali aggressivi" li jikkorrispondu għall-kriterji indikati rispettivament fl-Artikoli 6 u 7, u 8 u 9. Fl-aħħar nett, id-direttiva tistabbilixxi fl-Anness I lista eżawrjenti ta' 31 prattiki kummerċjali li, skont l-Artikolu 5(5) jitqiesu żleali "f'kull ċirkostanza". Sussegwentement, kif tindika espressament il-premessa 17 tad-direttiva, dawn il-prattiki kummerċjali biss jistgħu jkunu kkunsidrati bħala żleali mingħajr evalwazzjoni każ b'każ skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 9.

78. Konsegwentement, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt mill-qrati nazzjonali u mill-awtoritajiet amministrattivi, qabel kollox għandu jsir riferiment għall-prattiki żleali li jinsabu fl-Anness I. Jekk prattika kummerċjali taqa' taħt wieħed minn dawn il-każijiet, għandha tiġi pprojbita. Għalhekk ma hemmx lok li nipproċedu għal analiżi usa', pereżempju dwar l-effetti tal-prattika kkonċernata. Jekk il-fattispeċje tal-każ ikkonċernat ma taqax f'din il-lista, għandu jiġi eżaminat jekk hija tikkorrispondix għal wieħed mill-eżempji rregolati mill-klawżola ġenerali, dwar il-prattiki kummerċjali qarrieqa jew aggressivi. Huwa biss f'każ ta' risposta negattiva li japplika l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2005/29 [33].

b) Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE

i) Eżistenza ta' prattika kummerċjali

79. Qabel ma tiġi eżaminata n-natura żleali ta' prattika kummerċjali fid-dawl tal-provi kollha tal-każ partikolari, għandu jiġi ddeterminat jekk il-kawża preżenti taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29. F'dan ir-rigward, l-attività ekonomika kkonċernata fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-konklużjoni ta' kuntratt ta' kreditu għall-konsum għandha tikkorrispondi għad-definizzjoni legali tal-kunċett ta' "prattiċi kummerċjali fin-negozju mal-konsumatur" li tinsab fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2005/29.

80. F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi ppreċiżat li l-Artikolu 2(d) tad-direttiva jiddefinixxi l-kunċett ta' "prattiki kummerċjali", billi juża formulazzjoni partikolarment wiesgħa bħala "kwalunkwe att, ommissjoni, imġieba jew rappreżentazzjoni, komunikazzjoni kummerċjali inklużi reklamar u kummerċjalizzazzjoni, minn kummerċjant, konnessi direttament mal-promozzjoni jew bejgħ jew

32 — Sentenzi tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB u Galatea (C-261/07 u C-299/07, Ġabra p. I-2949, punt 52); tal-14 ta' Jannar 2010, Plus Warenhandelsgesellschaft (C-304/08, Ġabra p. I-217, punt 41), u tad-9 ta' Novembru 2010, Mediaprint Zeitungs- und Zeitschriftenverlag (C-540/08, Ġabra p. I-10909, punti 27 u 30).

33 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi tat-3 ta' Settembru 2009, Plus Warenhandelsgesellschaft (sentenza iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32, punt 74).

fornitura ta' xi prodott lil konsumaturi"[34]. Konsegwentement, din id-definizzjoni ssemmi wkoll l-atti kollha ta' kummerċjant maħsuba sabiex iwasslu lill-konsumatur sabiex jikkonkludi kuntratt[35]. Skont din id-definizzjoni wiesgħa, il-fatt li jiġu proposti għal għanijiet kummerċjali tranżazzjonijiet ta' kreditu lil konsumaturi, bħalma huwa l-każ fil-kawża prinċipali, jista' jiġi kkunsidrat bħala operazzjoni marbuta mal-bejgħ ta' prodott, jiġifieri servizz finanzjarju. Dan ifisser, kuntrarjament għall-fehma tal-Gvern Slovakk[36], li l-każ fil-kawża prinċipali jikkostitwixxi eżempju ta' "prattika kummerċjali" fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2005/29.

ii) Sinjifikat tar-regola ta' delimitazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-direttiva

81. Sa fejn l-attività inkwistjoni fil-każ fil-kawża prinċipali tikkorrispondi għad-definizzjoni tal-"prattiki kummerċjali" fis-sens l-iktar wiesa', hija taqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2005/29.

82. F'dan il-kuntest, tqum qabel xejn il-kwistjoni dwar jekk id-Direttiva 2005/29 hijiex rilevanti għat-trattament tal-problematika tal-kawża prinċipali. Jista' jagħti l-każ li hija ma hijiex applikabbli għall-konsegwenzi ġuridiċi. Għal dan il-għan, għandu madankollu jiġi ddeterminat qabel xejn is-suġġett tat-talba għal deċiżjoni preliminari. Minn qari ddettaljat tad-domandi preliminari u tal-ispjegazzjonijiet tad-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-qorti tar-rinviju tixtieq fuq kollox issir taf jekk id-dritt tal-Unjoni jopponix il-fatt li l-bejjiegħ jipprovdi informazzjoni ineżatta fil-konklużjoni ta' kuntratt għall-konsum — f'din il-kawża l-indikazzjoni ta' RAEG inqas mir-rata reali — u jekk jippenalizzax dan billi jordna n-nullità tal-klawżola kuntrattwali inkwistjoni.

83. Il-kwistjoni tar-rilevanza tad-Direttiva 2005/29 tqum preċiżament b'ċerta intensità għaliex din id-direttiva ma fihiex dispożizzjonijiet li jistabbilixxu n-nullità bħala l-konsegwenza ġuridika ta' klawżola bħal din. Minflok, l-Artikolu 3(2) ta' din l-istess direttiva jipprovdi li hija "mingħajr preġudizzju għal-liġi kontrattwali, u, b'mod partikolari, għar-regoli dwar il-validità, it-tfassil u l-effetti tal-kuntratti". Din ir-regola għandha tiġi interpretata fis-sens ta' regola ta' delimitazzjoni kemm fid-dawl tal-formulazzjoni tagħha ("mingħajr preġudizzju") kif ukoll għall-pożizzjoni tagħha fl-Artikolu 3 li jirregola l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva kif ukoll tar-relazzjoni tagħha ma' strumenti ġuridiċi oħra tal-Unjoni; din ir-regola ta' delimitazzjoni li, skont il-volontà espliċita tal-leġiżlatur tal-Unjoni, għandha l-għan li tagħti l-possibbiltà li tieħu vantaġġ mid-dispożizzjonijiet partikolari tad-dritt tal-Unjoni, u dan irrispettivament mill-applikazzjoni possibbli tad-Direttiva 2005/29. Hija maħsuba sabiex tiggarantixxi b'dan il-mod li l-għodod stabbiliti sabiex jipproteġu lill-konsumatur fid-diversi strumenti ġuridiċi inkwistjoni jistgħu jibqgħu applikabbli. Skont l-approċċ bażiku tar-regola tal-Artikolu 3(2), il-fatt li d-Direttiva 2005/29 hija applikabbli għal sitwazzjoni fattwali partikolari ma jistax, b'ebda mod inaqqas il-possibbiltajiet ta' rimedju li minnhom igawdi l-konsumatur skont il-liġi tal-kuntratti — bħal, pereżempju, ix-xoljiment tal-kuntratt jew it-tnaqqis tal-prezz.

84. Fost ir-regoli li jirregolaw id-dritt tal-kuntratti u b'mod partikolari l-validità ta' kuntratt imsemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2005/29 insibu mingħajr dubju d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13. Fil-fatt, is-sistema ta' protezzjoni maħluqa b'din id-direttiva u deskritta hawn fuq, li l-element essenzjali tagħha huwa r-regola stabbilita fl-Artikolu 6, tikkonċerna xi aspetti mid-dritt tal-kuntratti speċjalment peress li hija tirrigwarda l-validità ta' klawżoli individwali użati mill-kummerċjanti fir-relazzjonijiet tagħhom mal-konsumaturi. Is-sistema ta' protezzjoni tirregola r-relazzjonijiet ġuridiċi bbażati fuq il-kuntratti individwali bejn żewġ kategoriji differenti ta' individwi fis-sens li l-klawżoli

34 — Ara s-sentenza Mediaprint Zeitungs- und Zeitschriftenverlag (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32, punt 17).

35 — Ara S. Orlando, "The Use of Unfair Contractual Terms as an Unfair Commercial Practice", *European Review of Contract Law*, Vol. 7, 2007, n°1, p. 40, li huwa tal-fehma li l-prattiki kummerċjali jinkludu l-atti kollha ta' kummerċjant li jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjoni tal-konsumatur dwar il-konklużjoni ta' kuntratt.

36 — Ara l-punt 13 tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Slovakk.

inġusti ma għandhomx jorbtu lill-konsumatur; f'dan ir-rigward l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dritt ċivili tagħhom jipprovdi wkoll għal dawn il-konsegwenzi ġuridiċi [37]. Dan ifisser li fil-każ ta' applikazzjoni konsegwenti tar-regola ta' delimitazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2005/29, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13 jibqgħu interament applikabbli.

85. Sa fejn ma hijiex id-Direttiva 2005/29 iżda d-Direttiva 93/13 li tipprovdi taħt ċerti kundizzjonijiet il-konsegwenzi ġuridiċi tan-nullità ta' ċerti klawżoli kuntrattwali, għandu fl-aħħar mill-aħħar jitqies li dik l-ewwel direttiva hija essenzjalment irrilevanti fil-kuntest tal-kwistjoni f'din il-każ. L-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tagħha ma tista' tiġi invokata bħala bażi ġuridika ta' dikjarazzjoni ta' nullità tal-klawżola li hija s-suġġett ta' din il-proċedura [38]. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tidher li hija wkoll impliċitament tibbaża ruħha fuq din it-teżi sa fejn bit-tieni parti tad-domanda tagħha, hija tistaqsi liema huma l-konsegwenzi ġuridiċi li ser ikollha l-klassifikazzjoni ta' prattika kummerċjali żleali skont id-Direttiva 2005/29 fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi għaldaqstant fuq il-konnessjonijiet li jeżistu bejn l-Artikoli 5 *et seq* tad-Direttiva 2005/29 u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13, li jfisser li din l-aħħar dispożizzjoni wkoll trid tiġi interpretata.

iii) Konklużjoni intermedja

86. Fil-qosor, għandu jiġi konkluż li fir-rigward tal-konsegwenzi ġuridiċi, id-Direttiva 2005/29 ma tapplikax fi kwalunkwe każ għal sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali.

c) Eżistenza ta' prattika kummerċjali żleali

i) Neċessità ta' interpretazzjoni koerenti tad-dritt tal-protezzjoni tal-konsumaturi

87. F'dan il-kuntest, ma jeħtieġx bħala prinċipju li jiġi eżaminat iktar jekk l-attivitajiet inkwistjoni f'din il-kawża jissodisfawx il-kriterji marbuta mal-kunċett ta' "prattiki kummerċjali żleali" fis-sens tal-Artikoli 5 *et seq* tad-Direttiva 2005/29.

88. Madankollu, id-deċiżjoni tal-leġiżlatur li ma jħallix li d-Direttiva 2005/29 tapplika għall-konsegwenzi ġuridiċi ta' ċerti każijiet individwali, ma jfissirx neċessarjament li l-valuri li huwa għażel u li fuqhom huma bbażati d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva ma għandhomx jaffettwaw l-interpretazzjoni ta' strumenti ġuridiċi oħra li jirregolaw ir-relazzjoni bejn il-kummerċjanti u l-konsumaturi. Minn analiżi sistematika globali tal-istrumenti ġuridiċi adottati bil-għan tal-protezzjoni tal-konsumaturi jirriżulta li jeżistu numru ta' rabtiet bejn dawn l-istrumenti ġuridiċi li għandhom ukoll jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest

37 — Ara f'dan is-sens S. Orlando, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, p. 35), li jsostni li l-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13 jirregola t-trattament ġuridiku ta' klawżoli inġusti, jiġifieri aspett tar-relazzjonijiet ġuridiċi kuntrattwali individwali bejn kummerċjanti u konsumaturi. F'dan l-istess sens, ara I. Tilmann, *Die Klauselrichtlinie 93/13/EWG auf der Schnittstelle zwischen Privatrecht und öffentlichem Recht*, p. 10, li huwa tal-fehma li d-Direttiva 93/13 tingħata importanza partikolari fid-dawl tal-unifikazzjoni tad-dritt privat fl-Unjoni Ewropea fi ħdan id-direttivi ta' protezzjoni tal-konsumaturi, għaliex hija tikkonċerna qasam ċentrali tad-dritt privat. Id-dritt nazzjonali tal-kuntratti tal-Istati Membri jgħaddi minn bidla kunsiderevoli wara t-traspożizzjoni tad-direttiva. Dan iwassal għal armonizzazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni tas-sistemi differenti ġuridiċi fil-qasam tal-kuntratti li twitti t-triq lejn il-formazzjoni ta' dritt privat Ewropew. F'dan l-istess sens, ara wkoll J. Basedow, "Grundlagen des europäischen Privatrechts", *Juristische Schulung*, 2004, p. 94, li jikkunsidra li t-traspożizzjoni tad-Direttiva 93/13 tikkostitwixxi parti mill-armonizzazzjoni tad-dritt privat u jiċċara f'dan ir-rigward li d-Direttiva 93/13 kienet ġiet trasposta f'forom differenti bħal, pereżempju, fil-kodiċijiet ċivili nazzjonali (il-Ġermanja, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi), f'liġijiet distinti dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi (l-Awstrija, Franza, il-Greċja u parzjalment ukoll fil-Finlandja u fi Spanja), fil-liġijiet partikolari dwar il-prattiki kummerċjali (il-Belġju), permezz ta' kuntratti għall-konsum (l-Isvezja), permezz ta' kundizzjonijiet ġenerali (Spanja, il-Portugall) kif ukoll reċentement bi strument ġuridiku li jinkludi kważi litteralment id-direttiva (ir-Renju Unit, l-Irlanda). Skont H.-W. Micklitz, "AGB-Gesetz und die EG-Richtlinie über missbräuchliche Vertragsklauseln in Verbraucherverträgen" *Zeitschrift für Europäisches Privatrecht*, 1993, p. 533, bid-Direttiva 93/13, l-Unjoni Ewropea interveniet għall-ewwel darba fil-qalba tad-dritt ċivili.

38 — Kif spjega korrettement G. Abbamonte "The Unfair Commercial Practices Directive and its General Prohibition", *The regulation of unfair commercial practices under EC Directive 2005/29 – New rules and new techniques*, Norfolk 2007, p. 16, il-fatt li konsumatur ikun ikkonkluda kuntratt għaliex huwa kien il-vittma ta' prattika kummerċjali inġusta għandu jiġi kkunsidrat bħala irrilevanti fir-rigward tad-Direttiva 2005/29, għaliex din id-direttiva ma tipprovdi ebda mezz ġuridiku li jaħseb sabiex tinkiseb in-nullità tal-kuntratt. Għall-kuntrarju, id-Direttiva 2005/29 ma tirrestringix il-possibiltajiet ta' rimedju li jingħataw lill-konsumatur bid-dritt tal-kuntratti. Għalhekk, il-konsumatur għandu jressaq ir-rikorsi tiegħu quddiem il-qrati ċivili u f'dan ir-rigward, il-fatt li l-kuntratt kien ġie konkluż permezz ta' prattiki kummerċjali żleali jikkostitwixxi aspett importanti li l-qorti ċivili għandha tieħu inkunsiderazzjoni.

tal-interpretazzjoni [39]. Din hija r-raġuni għalfejn l-istrumenti ġuridiċi tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi għandhom jitqiesu bħala partijiet minn leġiżlazzjoni globali uniformi li jaslu biex jikkumplimentaw lil xulxin. Din il-frammentazzjoni ġuridika [40] li teżisti sal-lum fid-dritt tal-protezzjoni tal-konsumaturi hija l-konsegwenza ta' żvilupp storiku li matulu l-leġiżlatur tal-Unjoni gradwalment u skont l-acquis Komunitarju jirregola ċerti aspetti bl-iskop li jiġi rrealizzat suq intern reali għat-tranżazzjonijiet bejn impriżi u konsumaturi. Id-Direttiva 2005/29 ma tirregolax id-dritt tal-kuntratti wkoll għas-sempliċi raġuni li dawn l-aspetti kienu diġà rregolati mil-leġiżlatur tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-Direttiva 93/13. Dawn iż-żewġ direttivi jirregolaw kull waħda l-qasam proprju tagħha: id-Direttiva 2005/29 tipprjobixxi l-użu ta' prattiki kummerċjali żleali li jistgħu jinfluwenzaw b'mod sostanzjali l-komportament ekonomiku tal-konsumaturi filwaqt li d-Direttiva 93/13 tinkludi l-projbizzjoni tal-użu tal-klawżoli inġusti fit-tranżazzjonijiet mal-konsumaturi.

89. Minkejja l-eżistenza ta' strumenti ġuridiċi awtonomi, ma huwiex dejjem faċli li tiġi stabbilita distinzjoni ċara bejn il-kampi ta' applikazzjoni rispettivi tad-direttivi differenti. Dan huwa spjegat, minn naħa, bil-fatt li l-attivitajiet intiżi mid-direttivi ta' spiss fir-realtà jintrabtu ma' xulxin. Min-naħa l-oħra, il-kunċett ta' "prattiki kummerċjali" huwa fformulat b'mod wiesa' żżejjed u jinkorpora fih fl-aħħar mill-aħħar numru kbir ta' attivitajiet kummerċjali. Dan ċertament jagħmel mid-Direttiva 2005/29 leġiżlazzjoni ġenerali fil-konfront ta' leġiżlazzjoni speċifika bħalma hija, pereżempju, id-Direttiva 93/13 [41]. L-għan tar-regola ta' delimitazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2005/29 huwa li jiżgura li ż-żewġ direttivi ma jkunux sovrapposti fuq xulxin fil-konsegwenzi ġuridiċi tagħhom.

90. Madankollu, din id-delimitazzjoni ma hijiex għan fiha nnifisha iżda nsibuha f'kuntest leġiżlattiv partikolari maħluq mil-leġiżlatur tal-Unjoni. B'mod partikolari, ma jistax ikollha bħala konsegwenza li sitwazzjoni fattwali li għaliha jkunu applikabbli ż-żewġ direttivi tkun evalwata b'mod differenti mill-perspettiva ġuridika. Għall-kuntrarju, huwa neċessarju li ssir interpretazzjoni koerenti tad-dispożizzjonijiet rilevanti sabiex jiġu evitati evalwazzjonijiet kontradittorji. Dan huwa speċjalment neċessarju għaliex iż-żewġ direttivi jippreżentaw punti ta' konverġenza bejniethom rigward l-għanijiet ta' protezzjoni fis-sens li huma t-tnejn intiżi sabiex jipproteġu l-kapaċitajiet ta' evalwazzjoni u l-libertà ta' deċiżjoni fit-tranżazzjonijiet kummerċjali [42].

39 — Ara S. Orlando, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, p. 38), li jitħaddet dwar il-ħtieġa ta' koordinament normattiv bejn id-Direttivi 2005/29 u 93/13 sabiex jiġi evitat il-periklu ta' kunflitt. L-awtur jenfasizza ġustament li d-diffikultà ta' koordinazzjoni tad-direttivi tirriżulta minħabba l-interpretazzjoni tal-kumplessità strutturali partikolari tad-dritt tal-Unjoni. L-interazzjoni bejn id-direttivi differenti ma tidhirx dejjem mal-ewwel daqqa ta' għajn. Din hija r-raġuni għalfejn ma jkunx dejjem faċli li ssir interpretazzjoni koerenti u li testendi għall-istrumenti ġuridiċi kollha.

40 — In-nuqqasijiet fil-qasam ta' armonizzazzjoni minima u l-approċċ settorjali għamluha neċessarja li ssir konverġenza stretta u analiżi tad-differenzi li jeżistu fil-liġi tal-konsumaturi (ara, G. Alpa/G. Conte/R. Carleo, "La costruzione del diritto dei cosumatori", *I diritti dei consumatori*, edittjat minn Guido Alpa, Vol. 1, p. 5). Id-diskussjoni dwar il-prosegwiment tal-iżvilupp tad-dritt Ewropew tal-konsumaturi tmur lura sas-sena 1999 meta l-Kunsill irrikonoxxa fid-dikjarazzjoni finali ta' Tampere l-ħtieġa fil-futur ta' armonizzazzjoni iktar stretta bejn ir-regoli tad-dritt ċivili tal-Istati Membri (ara fuq dan is-suġġett E. Čikara, *Gegenwart und Zukunft der Verbraucherkreditverträge in der EU und in Kroatien*, Vienna 2010, p. 47; fuq it-tentattivi *ad hoc* ta' armonizzazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni żleali, ara T. Wunderle, *Verbraucherschutz im Europäischen Lauterkeitsrecht*, Tübingen 2010, p. 97 *et seq*). F'dak iż-żmien bdiet l-intensifikazzjoni tal-isforzi tal-Kummissjoni sabiex tikkonsolida d-dritt tal-kuntratti. Il-komunikazzjoni ppreżentata mill-Kummissjoni fl-2003 "dritt Ewropew tal-kuntratti iktar koerenti — pjan ta' azzjoni" pproponiet il-preparazzjoni ta' "qafas ta' riferenza komuni" bħala strument b'possibbiltà li jiġi aċċettat li kellu fih ir-regoli u t-terminoloġija komuni tad-dritt Ewropew tal-kuntratti. Sussegwentement, it-task force *Study Group on a European Civil Code*, netwerk Ewropew ta' riċerkaturi, fassal abbozz ta' qafas ta' riferiment komuni. Abbażi ta' dawn il-preparamenti, f'April 2010, il-Kummissjoni inkarigat grupp ta' esperti sabiex iħejju qafas ta' riferiment komuni tad-dritt Ewropew tal-kuntratti li ppreżenta studju tal-fattibbiltà fit-3 ta' Mejju 2011. Dan l-istudju jippreżenta sistema koerenti ta' regoli fil-qasam tad-dritt tal-kuntratti li jista' fil-futur jintuża' bħala strument Ewropew fakultattiv fid-dritt tal-kuntratti [ara fuq dan is-suġġett ukoll il-ktieb aħdar tal-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet possibbli bl-għan tal-ħolqien ta' dritt Ewropew tal-kuntratti għall-konsumaturi u għall-kumpanniji COM (2010) 348 finali, u b'mod partikolari l-għażla Nru 4]. F'dan il-kuntest, ma ninsewx nirreferu għall-abbozz ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq id-drittijiet tal-konsumaturi li għandha l-għan li tirrimedja għall-frammentazzjoni ġuridika eżistenti fid-dritt tal-konsumaturi. Il-fehma tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Ġunju 2011 fil-kuntest tal-adozzjoni ta' din id-direttiva tipprevedi emenda tad-Direttivi 93/13 u 1999/44/KE fuq is-suġġett tax-xiri tal-merkanzija għall-konsum u tal-garanzija tal-merkanzija għall-konsum kif ukoll ir-revoka tad-Direttiva 85/577/KEE biex thares lill-konsumaturi rigward kuntratti nnegozjati barra mil-lok tan-negozju u tad-Direttiva 97/7/KE dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod; f'dan ir-rigward, dawn iż-żewġ direttivi għandhom jiġu ssostitwiti b'direttiva waħda.

41 — Ara wkoll S. Orlando, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, p. 38 u 40), b'riferiment għad-definizzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "prattiki kummerċjali". Huwa tal-fehma li l-leġiżlatur tal-Unjoni, bid-Direttiva 2005/29, introduċa fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni d-"dritt ġenerali" fis-sens li huwa adotta sensiela ta' regoli li fihom prinċipji ġenerali, kunċetti u kriterji.

42 — Ara l-premessi 6, 7, u 8 tad-Direttiva 2005/29 kif ukoll it-tmien u l-ħmistax-il premessa tad-Direttiva 93/13.

91. Ir-rabta stretta li teżisti bejn iż-żewġ direttivi tista' tiġi illustrata b'diversi każijiet: hekk, jista' jiġi immaġinat, pereżempju, fil-każ tal-kwistjoni fil-kawża prinċipali li n-natura żleali ta' prattika kummerċjali tinsab preċiżament fl-użu ta' klawżoli inġusti fis-sens tad-Direttiva 93/13[43] fil-kuntratti għal konsum. Jekk il-kummerċjant juża klawżoli bħal dawn, dan jista' jiġi kkunsidrat bħala att qarrieq sa fejn tingħata informazzjoni skorretta u/jew il-konsumatur ma jkunx informat bil-kontenut effettiv ta' drittijiet u ta' obbligi kuntrattwali — b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-drittijiet u l-obbligi li jitnisslu mill-klawżoli inġusti u, għalhekk, nulli fil-konfront tal-konsumatur. Għandha tiġi evalwata bl-istess mod sitwazzjoni fejn il-kummerċjant jifformula b'mod ambigwu u li twassal għal konfużjoni fil-klawżoli ċentrali tal-kuntratt sabiex iċaħħad lill-konsumatur minn informazzjoni essenzjali. Iżda għall-kuntrarju, huwa wkoll konċepibbli li informazzjoni skorretta u għalhekk qarrieqa li tinsab fi klawżola kuntrattwali fis-sens tad-Direttiva 2005/29 timplika preċiżament li hija każ ta' prattika kummerċjali żleali. Dan l-aħħar każ huwa preċiżament is-sitwazzjoni li fiha l-qorti tar-rinviju tippreżumi l-eżistenza u li jiena sejjer neżamina f'iktar dettall hawn taħt.

92. Konsegwentement, fl-interess ta' interpretazzjoni koerenti tad-dritt dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi tal-Unjoni, jidher neċessarju li jiġi eżaminat jekk l-indikazzjoni ta' RAEG b'rata iktar baxxa minn dik reali tistax tiġi kkwalifikata bħala "prattika kummerċjali żleali" fis-sens tal-Artikoli 5 *et seq* tad-Direttiva 2005/29. Sejjer neżamina fil-kuntest tat-tieni parti tad-domanda l-konklużjonijiet li għandhom jinsiltu minn evalwazzjoni bħal din għall-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13.

ii) Eżami tan-natura żleali tal-prattika kummerċjali

93. L-eżistenza ta' "prattika kummerċjali żleali" għandha tiġi eżaminata skont l-iskema ta' eżami deskritta fil-punt 78 ta' dawn il-konklużjonijiet.

– Eżistenza ta' azzjoni qarrieqa fis-sens tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 5(4)(a) u tal-Artikolu 6(1)(d) tad-Direttiva 2005/29

94. Għandu jiġi kkonstatat qabel xejn li l-indikazzjoni skorretta ta' ammont bħar-RAEG f'kuntratt ta' kreditu għall-konsum ma tikkorrispondi għal ebda waħda mill-prattiki kummerċjali żleali msemmija fl-Anness I tad-Direttiva. Sa fejn tali indikazzjonijiet ma humiex inklużi fost il-prattiki kummerċjali elenkati fl-Anness I, li jitqiesu bħala żleali f'kull ċirkustanza, bħala prinċipju, dawn jistgħu jiġu pprojbiti biss jekk ikunu prattiki kummerċjali żleali, pereżempju għaliex ikunu qarrieqa jew aggressivi fis-sens tad-direttiva.

Azzjoni pożittiva tal-kummerċjant

95. Fid-dawl tal-fatt li, fil-kawża prinċipali, għandha qabel xejn tiġi eskluża l-eżistenza ta' prattika kummerċjali aggressiva fin-nuqqas ta' elementi eventwali li jistgħu jwasslu li jikkonkludi dwar l-eżistenza ta' mezzi ta' intimidazzjoni, ta' theddid, ta' vjolenza jew ta' forom oħra ta' influwenza illegali, jibqa' li jiġi stabbilit għalhekk jekk l-elementi marbuta ma' prattika kummerċjali qarrieqa taħt l-Artikolu 5(4)(a) tad-Direttiva 2005/29 humiex stabbiliti. F'dan ir-rigward, nixtieq nenfasizza li d-direttiva tagħmel distinzjoni bejn l-azzjonijiet qarrieqa (Artikolu 6) u n-nuqqasijiet (Artikolu 7) u dawn iż-żewġ kategorji jiffurmaw is-suġġett ta' leġiżlazzjoni distinta. Dan ifisser li sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni ġuridika korretta fil-kawża prinċipali, għandha tiġi identifikata qabel xejn it-tip ta' azzjoni inkwistjoni.

43 — F'dan is-sens, S. Orlando, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, p. 25) li jeżamina l-kwistjoni dwar jekk l-użu ta' klawżoli żleali fis-sens tad-Direttiva 93/13 jikkostitwixxix fl-istess ħin prattika kummerċjali żleali fis-sens tad-Direttiva 2005/29. Id-domanda tingħata risposta affermattiva: użu bħal dan għandu fuq kollox jiġi kkunsidrat bħala prattika kummerċjali qarrieqa sa fejn, bħala regola ġenerali, tingħata informazzjoni falza jew għalkemm il-konsumatur baqa' f'dubju dwar dawn id-drittijiet u obbligi fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, b'mod partikolari rigward id-drittijiet u l-obbligi riżultanti mill-klawżoli kuntrattwali inġusti (u, għalhekk, nulli). L-awtur jispjega barra minn hekk li l-formulazzjoni ambigwa u li twassal għal konfużjoni fil-klawżoli ċentrali tista' tkun ikkunsidrata li tħalli barra informazzjoni importanti fis-sens tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2005/29.

96. Prattika kummerċjali bħal dik fil-kawża prinċipali li tikkonsisti fl-indikazzjoni f'kuntratt ta' kreditu ta' RAEG inqas minn dik reali taqa' iktar, fil-fehma tiegħi, fl-ewwel kategorija għaliex id-deċiżjoni tal-konsumatur involut fit-tranżazzjoni hija influwenzata ħafna minn azzjoni pożittiva tal-kummerċjant, u dan, permezz ta' indikazzjonijiet skorretti fuq element tal-kuntratt li għandu jiġi kkunsidrat bħala wieħed essenzjali fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva. Aġir bħal dan ma jistax jiġi kkunsidrat biss bħala nuqqas li jirriżulta milli titħalla barra xi informazzjoni. Għalhekk, kuntrarjament għat-teżi tal-Gvern Ġermaniż [44], l-applikazzjoni tar-regola li tinsab fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva li tikkonċerna l-każ partikolari tan-nuqqas ta' informazzjoni rilevanti hija eskluża f'dan il-każ partikolari.

Influwenza fuq id-deċiżjoni tal-konsumatur

97. L-elementi tal-kuntratt li huma kkunsidrati mil-leġiżlatur bħala essenzjali huma elenkati fl-Artikolu 6(1). Jekk tiġi adottata interpretazzjoni wiesgħa u, għalhekk, favorevoli għall-konsumatur, tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva, ir-RAEG stabbilita f'kuntratt ta' kreditu għall-konsum tista' bħala prinċipju taqa' taħt il-kunċett ta' "prezz" fis-sens tal-Artikolu 6(1)(d), speċjalment peress li r-RAEG għandha, skont id-definizzjoni legali li tinsab fl-Artikolu 1(2)(e) tad-Direttiva 87/102, tiġi kkunsidrata bħala element tal-ispiża totali li l-konsumatur għandu jassumi sabiex jikseb kreditu. L-interessi jikkostitwixxu, mill-perspettiva ġuridika, ir-remunerazzjoni tas-self mogħti għal żmien miftiehem. Għalhekk, kalkolu skorrett tar-RAEG kontenzjuż fil-kawża prinċipali skont il-qorti tar-rinviju, jista' wkoll jiġi kkunsidrat bħala "kalkolu tal-prezz" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

98. F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li l-fatt li l-qorti tar-rinviju kienet ikkwalifikat il-kalkolu tal-prezz bħala skorrett jorbot lill-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, għaliex, skont l-Artikolu 1(2)(e) tad-Direttiva 87/102, il-kalkolu tar-RAEG għandu jsir skont il-metodi applikati fl-Istati Membri u li l-applikazzjoni korretta tista' tiġi vverifikati mill-qrati nazzjonali nfushom u, it-tieni nett, għaliex il-qrati nazzjonali huma kompetenti sabiex jistabbilixxu l-fatti fil-kuntest tal-proċeduri għal deċiżjoni preliminari.

99. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2005/29, għandu jiġi kkonstatat li indikazzjonijiet skorretti dwar ir-RAEG — preċiżament meta din tkun indikata sostanzjalment inqas minn dik li tkun fil-verità — jippermettu wkoll li jitqarraq il-konsumatur medju u li jinduċuh sabiex jikkonkludi tranżazzjoni, deċiżjoni li huwa ma kienx ser jieħu kieku l-affarijiet kienu mod ieħor. Fil-fatt, jista' realistikament jiġi kkunsidrat li konsumatur medju ġeneralment ifittex l-offerti ta' diversi fornituri potenzjali ta' kreditu u jieħu d-deċiżjoni tiegħu li jaċċetta kreditu abbażi ta' paragun ta' dawn l-offerti, u dan jinkludi l-ispejjeż prevedibbli assoċjati magħhom. Fi kliem ieħor, il-kundizzjonijiet ta' kreditu li jidhru iktar vantaġġjużi għandhom bħala regola ġenerali effett deċiżiv fuq il-formazzjoni tal-volontà tal-konsumatur.

100. Id-dritt tal-Unjoni jieħu inkunsiderazzjoni l-interess tal-konsumatur għall-informazzjoni billi jirrikjedi espressament fid-Direttiva 87/102 li ġiet adottata kemm fid-dawl tal-ħolqien ta' suq ta' konsum ta' kreditu għall-konsum (it-tielet u l-ħames premessi) u sabiex tipproteġi lill-konsumaturi li jidħlu għal krediti bħal dawn (is-sitt, is-seba' u d-disa' premessi), li l-konsumatur ikun informat b'mod adegwat dwar il-kundizzjonijiet u l-ispejjeż tal-kreditu u dwar l-obbligi tiegħu. Dan jirriżulta, minn naħa mit-tmien premessa, u, min-naħa l-oħra, mir-rekwiżit li nsibu fl-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 87/102 li jgħid il-kuntratt miktub għandu jkun fih ir-RAEG. L-obbligu li min jissellef għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt l-elementi kollha li jistgħu jkollhom effett fuq il-portata tal-obbligi tiegħu għandu l-iskop, kif anki l-Qorti tal-Ġustizzja tenniet fil-ġurisprudenza tagħha, li jipproteġi lil-konsumatur kontra kundizzjonijiet ta' kreditu inġusti u li jippermettilu jkun jaf il-kundizzjonijiet tal-eżekuzzjoni futura tal-kuntratt iffirmat [45].

44 — Punt 43 tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Ġermaniż.

45 — Digriet Pohotovosť (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 68) u sentenza tat-23 ta' Marzu 2000, Berliner Kindl Brauerei (C-208/98, Ġabra p. I-1741, punt 21).

101. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 87/102 li jissemmew hawn fuq jippruvaw li r-RAEG tikkostitwixxi indikazzjoni essenzjali fil-kuntest tal-konklużjoni tal-kuntratti ta' kreditu [46], li mingħajrhom il-konsumatur ma jkunx jista', bħala regola ġenerali, jadotta deċiżjoni raġjonevoli. Għalhekk, il-konsumatur jiddependi ħafna fuq il-korrettezza ta' din l-indikazzjoni. Kull qerq li jirrigwarda din l-informazzjoni, kemm jekk intenzjonali kemm jekk ma huwiex, neċessarjament ikun ta' żvantaġġ għalih. Anki jekk biss minħabba l-importanza ta' din l-indikazzjoni fuq il-kapaċità tal-konsumatur li jieħu d-deċiżjoni tiegħu u tal-konsegwenzi gravi ta' deċiżjoni żbaljata, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 87/102 jirrikjedi li huwa jkun informat qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, jiġifieri fl-istadju tar-reklamar.

102. L-opinjoni li jiena qed insostni li l-indikazzjonijiet skorretti waqt il-konklużjoni tal-kuntratti ta' kreditu li bħala prinċipju huma kapaċi jinfluwenzaw id-deċiżjoni ta' konsumatur li jidħol għal tranżazzjoni fis-sens tad-Direttiva 2005/29, hija bbażata wkoll fuq il-premessa 10 ta' din id-direttiva li, kif spjega korrettement il-Gvern Slovakk [47], tistabbilixxi b'ċertu mod, rabta mad-Direttiva 87/102 li hija rilevanti f'dan il-każ. Minn dan jirriżulta li d-Direttiva 2005/29 "tipprovdi wkoll ħarsien għall-konsumaturi fejn ma hemmx leġiżlazzjoni speċifika settorjali fil-livell Komunitarju u tipprojbixxi lill-kummerċjanti milli joħolqu impressjoni falza tal-prodotti". Barra minn hekk, il-leġiżlatur jiċċara fid-direttiva tiegħu li "dan huwa importanti b'mod partikolari għal prodotti kumplessi b'livelli għolja ta' riskju għal konsumaturi, *bħal ċerti prodotti ta' servizzi finanzjarji* [48]". Dawn ir-rimarki juru li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien perfettament konxju min-natura tar-riskji eżistenzi għall-konsumatur partikolarment f'dan is-settur ekonomiku. Fil-kawża prinċipali, dan ir-riskju kien jeżisti preċiżament waqt il-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu.

103. Minn dan jirriżulta li teżisti oġġettivament azzjoni qarrieqa fis-sens tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 5(4)(a) u tal-Artikolu 6(1)(d) tad-Direttiva 2005/29. Għalhekk l-indikazzjoni skorretta tar-RAEG f'kuntratt ta' kreditu għall-konsum tikkostitwixxi fl-aħħar mill-aħħar "prattika kummerċjali żleali" fis-sens ta' din id-direttiva.

– Sussidjarjament: konstatazzjoni ta' nuqqas tad-diliġenza kummerċjali

104. Fl-aħħar nett, għandu jiġi eżaminat fil-qosor jekk il-kundizzjonijiet li jwasslu għal nuqqas tad-diliġenza professjonali taħt l-Artikolu 5(2)(a) tad-Direttiva 2005/29 humiex sodisfatti, kundizzjonijiet li għalihom jagħmlu riferiment kemm il-qorti tar-rinviju [49] kif ukoll il-partijiet l-oħra fil-proċedura fis-sottomissjonijiet tagħhom.

105. Kif tindika l-formulazzjoni tal-Artikolu 5(4) ("b'mod partikolari") tad-Direttiva 2005/29, il-prattiki kummerċjali qarrieqa u aggressivi jikkostitwixxu biss forom partikolari ta' prattiki kummerċjali żleali. Din id-dispożizzjoni ma tinkludix riferiment awtonomu għall-kunċett ta' diliġenza professjonali minħabba l-fatt li relazzjoni qarrieqa jew anki aggressiva mal-konsumaturi hija kkunsidrata mil-leġiżlatur bħala fiha nnifisha inkompatibbli mar-rekwiżiti ta' diliġenza professjonali. Din hija r-raġuni li għaliha, fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' din id-direttiva, ma huwiex neċessarju li jiġi eżaminat jekk prattika kummerċjali qarrieqa u/jew aggressiva hijiex konformi mar-rekwiżiti ta' diliġenza professjonali ta' kummerċjant. Evalwazzjoni ġuridika bħal din tkun neċessarja biss jekk tista'

46 — Digiret Pohotovos' (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 70) u sentenza tal-4 ta' Marzu 2004, Cofinoga (C-264/02, Ġabra p. I-2157, punti 26 u 27).

47 — Punt 14 tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Slovakk.

48 — Il-premessa 10 (enfasi miżjuda).

49 — Paġna 11 tad-digriet tar-rinviju.

ssir applikazzjoni tal-klawżola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5(1)(b)[50]. Barra minn hekk, dan jgħodd ukoll f'dak li jirrigwarda l-kriterju ta' "distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika tal-konsumaturi" li jikkorrispondi essenzjalment għar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 6(1) li jipprovdi li l-prattika kummerċjali għandha tkun kapaċi li tinfluwenza d-deċiżjoni tal-konsumatur.

106. Fid-dawl tal-fatt li skont l-analiżi ġuridika tal-fatti li saru hawnhekk, azzjoni qarrieqa fis-sens tal-Artikolu 5(4)(a) tad-Direttiva diġà ġiet stabbilita, jiena naħseb li ma huwiex neċessarju li jiġu eżaminati dawn l-aspetti separatament. Huwa biss bħala prekawzjoni li jiena nenfasizza li l-indikazzjonijiet skorretti dwar ir-RAEG wara kalkolu żbaljat tagħha jikkostitwixxu nuqqas tad-diliġenza kummerċjali. Fil-fatt, huwa mistenni minn kummerċjant li jeżerċita l-attivitajiet ekonomiċi tiegħu fl-osservanza tal-leġiżlazzjoni rilevanti u li jagħti attenzjoni speċjali lir-relazzjonijiet tiegħu ma' konsumatur, speċjalment meta dan tal-aħħar jistrieħ fuq l-għarfien espert tal-kummerċjant. Kif diġà spjegajt hawnhekk b'konnessjoni mal-għan tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13[51], il-bżonn partikolari ta' protezzjoni tal-konsumatur jirriżulta mill-fatt li huwa jinsab bħala regola ġenerali f'pożizzjoni iktar dgħajfa ta' negozjar minn dik tal-kummerċjant u jiddisponi minn inqas informazzjoni. Din is-sitwazzjoni twassal sabiex huwa jkun dispost jaqbel mal-kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel mill-kummerċjant mingħajr ma jkun jista' jinfluwenza fuq il-kontenut tagħhom. Din is-sitwazzjoni tista' tiġi rrimedjata biss jekk il-kummerċjant jeħtieġ li josserva b'mod strett ċerti obbligi ta' informazzjoni.

107. Għalhekk, dan ifisser li abbażi ta' eżami sussidjarju permezz tal-kriterji tal-klawżola ġenerali tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/29, għandu jiġi konkluż li fil-kawża prinċipali teżisti "prattika kummerċjali żleali".

d) Konklużjoni intermedja

108. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel parti tad-domanda għandha tkun li d-Direttiva 2005/29 għandha tiġi interpretata fis-sens li l-komportament ta' kummerċjant li fil-kuntratt jindika RAEG inqas mir-rata reali, jissodisfa l-kriterji li jikklassifikaw prattika kummerċjali żleali.

2. It-tieni parti tal-ewwel domanda: il-konsegwenzi ta' prattiki kummerċjali żleali fuq il-validità tal-kuntratt

109. It-tieni parti tad-domanda tikkonċerna l-konsegwenzi possibbli fuq il-validità tal-kuntratt inkwistjoni fil-kuntest tad-Direttiva 93/13 li jista' jkollha l-kwalifika tal-prattika kummerċjali inkwistjoni f'din il-kawża bħala inġusta fis-sens tad-Direttiva 2005/29. Għal dan il-għan, għandhom jiġu eżaminati kemm ir-rilevanza għall-każ partikolari ta' kull strument ġuridiku kkunsidrat individwalment kif ukoll il-mod li bih dawk l-istrumenti jinteraġixxu bejniethom.

50 — Skont G. Abbamonte, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, p. 28), l-eżami ta' nuqqas fid-diliġenza kummerċjali huwa superfluwu jekk teżisti fil-każ partikolari prattika kummerċjali qarrieqa u/jew aggressiva. Fil-fatt, prattika kummerċjali bħal din tikser awtomatikament kull obbligu ta' diliġenza kummerċjali. F'dan l-istess sens, ara F. Henning-Bodewig, "Die Richtlinie 2005/29/EG über unlautere Geschäftspraktiken", *Gewerblicher Rechtsschutz und Urheberrecht – Internationaler Teil*, 2005, punti 8/9, p. 631, li jippreċiża li l-klawżola ġenerali tal-Artikolu 5(1) (li min-naħa tagħha hija ċċarata fl-Artikolu 5(2)) hija applikabbli biss jekk il-fatti konkreti tal-każ partikolari ma jaqgħux fil-"lista s-sewda" tal-prattiki kummerċjali inġusti li jissemmew fl-Anness I tad-Direttiva u li ebda wieħed mill-eżempji ta' każijiet (prattiki kummerċjali qarrieqa u/jew aggressivi) tal-klawżola ġenerali ma huma preżenti.

51 — Punti 43 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

a) Rilevanza tad-Direttiva 87/102/KEE

110. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li ebda konklużjoni immedjata ma tista' tinsilet dwar ksur tal-obbligu ta' informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 87/102 f'dak li jikkonċerna l-kwistjoni ta' nullità parzjali possibbli jew anki totali tal-kuntratt ta' kreditu speċjalment għaliex l-Artikolu 14(1) ta' din id-direttiva jillimita ruħu sabiex jippreskrivi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kuntratti ta' kreditu ma jagħmlu ebda eċċezzjoni, għad-detriment tal-konsumatur, għad-dispożizzjonijiet ta' dritt nazzjonali li jimplementaw din id-direttiva jew li jikkorrispondu għaliha. Huwa veru li fil-kawża prinċipali, minħabba l-indikazzjoni żbaljata tar-RAEG, hemm oġġettivament kwistjoni ta' ksur ta' dan l-obbligu ta' informazzjoni. Madankollu, id-Direttiva ma tipprovdix regoli ddettaljati li fuqhom il-qrati nazzjonali pereżempju jkunu obbligati li jiddikjaraw in-nullità tal-kuntratt ta' kreditu. Ġaladarba d-Direttiva 87/102 ma tiddefinixxix liema huma l-konsegwenzi ġuridiċi ta' ksur tal-obbligu ta' informazzjoni, hija ma hijiex rilevanti sabiex tingħata risposta għat-tieni parti tad-domanda.

b) Rilevanza tad-Direttiva 2005/29/KEE

111. Għall-kuntrarju, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29 huma iktar ċari fil-punt li, kif diġà wrejt [52], skont l-Artikolu 3(2) huma japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kuntratti, u, b'mod partikolari, għar-regoli dwar il-validità, il-formazzjoni u l-effetti tal-kuntratti. Ċertament, l-Artikolu 13 jistabbilixxi l-obbligu tal-Istati Membri li jiddeterminaw is-sistema ta' penali applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-direttiva. Madankollu, interpretazzjoni li biha jista' jiġi permess bħala penali wkoll il-validità ta' klawżola kuntrattwali tkun b'mod ċar kontra d-dispożizzjoni ċċitata l-ewwel. Interpretazzjoni bħal din ma tkunx permissibbli fid-dawl tad-deċiżjoni espressa tal-leġiżlatur li d-dritt tal-kuntratti ma għandhiex tkun irregolata bid-Direttiva 2005/29. Għal din ir-raġuni, din id-direttiva lanqas ma hija direttament rilevanti sabiex tingħata risposta għat-tieni parti tad-domanda.

c) Rilevanza tad-Direttiva 93/13/KE

112. In-nuqqas ta' rilevanza tad-Direttiva 2005/29 ma jipprekludix [53] l-applikazzjoni ta' strumenti ġuridiċi oħra tal-Unjoni u tar-rimedji li huma jipprovdu sabiex jipproteġu lill-konsumatur. Għal din ir-raġuni, l-applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 għandha tittieħed inkunsiderazzjoni speċjalment għaliex l-għan tagħha, kif diġà għidt, jikkonċerna d-dritt tal-kuntratti u b'mod partikolari l-validità tal-kuntratti.

i) Kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva

113. F'dan ir-rigward, il-klawżola kuntrattwali kontenzjuża għandha l-ewwel nett taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13. Dan il-kamp ta' applikazzjoni huwa ddefinit fl-Artikolu 1. Ikun hemm restrizzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* sa fejn, skont l-Artikolu 1(1), id-Direttiva tikkonċerna biss il-klawżoli fil-kuntratti konklużi bejn kummerċjant u konsumatur. Minn dan jirriżulta li l-kuntratti konklużi kemm bejn il-konsumaturi kif ukoll bejn kummerċjanti huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae*, min-naħa tiegħu, jiġi ddefinit fis-sens li, skont l-Artikolu 1(1), moqri flimkien mal-Artikoli 2(a) u 3(1), għall-istħarriġ previst mid-Direttiva huma suġġetti biss il-klawżoli inklużi fil-kuntratti mal-konsumaturi "li ma [jkunux ġew innegozjati] individwalment".

52 — Ara l-punti 81 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

53 — G. Abbamonte (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, p. 16).

114. Fil-kawża prinċipali, ma huwiex ikkontestat li l-kuntratt ta' kreditu li l-konvenuta fil-kawża prinċipali kkonkludiet mal-klijenti tagħha jikkostitwixxi kuntratt konkluż bejn kummerċjant u konsumatur. Huwa possibbli li jiġi dedott mill-fatt — enfasizzat fid-deċiżjoni tar-rinviju — li l-krediti ngħataw abbażi ta' kuntratti standardizzati, li l-kuntratt ta' kreditu kontenzjuż ma kienx innegozjat individwalment mal-konsumatur. Minn dan jirriżulta li dan il-kuntratt jaqa' kemm fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* kif ukoll f'dak *ratione materiae* tad-direttiva.

ii) Importanza ta' stħarriġ fuq il-mertu

115. Barra minn hekk, il-klawżola li fiha indikazzjoni żbaljata tar-RAEG għandha tkun suġġetta għal stħarriġ fuq il-mertu fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13.

116. F'dan il-kuntest, nirreferi għas-sentenza Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din il-leġiżlazzjoni ma tiddefinixxix il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 imma iktar timmira "sabiex jistabbilixxi l-metodi u l-portata tal-istħarriġ fil-mertu tal-klawżoli kuntrattwali, li ma ġewx innegozzjati individwalment, li jiddeskrivu l-prestazzjonijiet essenzjali tal-kuntratt konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur[54]". Minn dan isegwi li l-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli "la għandha tirrelata mad-definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt u lanqas mas-sufiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija pprovduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra, safejn dawn il-klawżoli jkunu f'lingwaġġ sempliċi u ċar".

117. Dwar il-klassifikazzjoni taħt wieħed mis-suġġetti msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, nixtieq nenfasizza li l-indikazzjoni tar-RAEG ġiet ikkunsidrata mil-leġiżlatur tal-Unjoni bħala importanti għaliex tikkonċerna fl-aħħar mill-aħħar is-suġġett prinċipali tal-kuntratt ta' kreditu. Fil-fatt, hija tipprovdi l-elementi dwar l-ispejjeż li dak li jissellef għandu jirrimborsa lil min jipprovdi l-kreditu sabiex jikseb dak il-kreditu. Għalhekk, fis-sistema tad-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali tal-partijiet, ir-RAEG hija kontroparti għall-prestazzjoni prinċipali tal-għoti tal-kreditu. Minn dan isegwi li klawżola li fiha indikazzjonijiet żbaljati dwar l-ispejjeż, pereżempju għaliex ir-RAEG tkun ġiet ikkalkolata ħażin, tista' tkun is-suġġett ta' stħarriġ fuq il-mertu taħt l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, sa fejn hija ma tkunx redatta b'mod ċar u li tinftiehem.

118. Din il-konklużjoni tista' tiddependi fuq id-digriet Pohotovosť tal-Qorti tal-Ġustizzja li tippreżenta ċerti similaritajiet ma' dan il-każ. Fil-Kawża Pohotovosť , il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat b'mod partikolari l-kwistjoni dwar jekk in-nuqqas li tissemma' r-RAEG f'kuntratt ta' kreditu għall-konsum, tistax tikkostitwixxi element deċiżiv fil-kuntest tal-analiżi minn qorti nazzjonali sabiex tistħarreġ jekk klawżola f'kuntratt ta' kreditu għall-konsum dwar l-ispiża tiegħu li fih ma jkunx hemm l-imsemmija informazzjoni hijiex redatta b'mod ċar u li tinftiehem fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/13. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet fl-affermattiv għal din id-domanda[55] u inkarigat lill-qorti nazzjonali sabiex teżamina f'kull każ individwali jekk il-klawżola inkwistjoni tissodisfax il-kundizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq dwar in-natura ċara u li tinftiehem.

119. Madankollu, dak li għandu rilevanza kbira fil-kuntest ta' din il-kawża huwa l-fatt li fid-digriet tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet impliċitament il-possibbiltà ta' stħarriġ ta' klawżola bħal din[56]. Il-fatt li fil-Kawża Pohotovosť, kien hemm nuqqas ta' indikazzjoni u mhux, bħal f'din il-kaważa, indikazzjoni żbaljata huwa irrilevanti fir-rigward tal-possibbiltà li din il-ġurisprudenza tiġi applikata għal din il-kawża, speċjalment peress li dawn huma żewġ każijiet ta' informazzjoni importanti li, kuntrarjament għall-obbligi espliċiti tad-dritt tal-Unjoni, ma kinitx inkluża fil-kuntratt ta' kreditu.

54 — Sentenza Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 34).
55 — Digriet Pohotovosť (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 77).
56 — *Ibid* (punt 73).

Dawn huma żewġ sitwazzjonijiet bl-istess għan kuntrattwali b'tali mod li l-istħarriġ fuq il-mertu huwa, bħala regola, possibbli. Madankollu, dan jiddependi fl-aħħar mill-aħħar fuq il-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet marbuta maċ-ċarezza u man-natura li tinftiehem huma sodisfatti, evalwazzjoni li taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali [57].

iii) Natura inġusta tal-klawżola tal-kuntratt

120. Barra minn hekk, hija fil-ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali li tevalwa f'din il-kawża in-natura inġusta tal-klawżola inkwistjoni. Din l-evalwazzjoni għandha ssir permezz tal-kriterji ġenerali li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddefinixxa fl-Artikoli 3(1) u 4(1) tad-Direttiva 93/13 [58]. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fis-sentenza Pannon GSM [59], l-Artikolu 3 tad-direttiva jiddefinixxi b'mod astratt biss l-elementi li jagħtu natura inġusta lil klawżola kuntrattwali li ma tiġix innegozjata individwalment, filwaqt li l-anness li għalih jirreferi l-Artikolu 3(3) tad-direttiva fih biss lista indikattiva u mhux eżawrjenti ta' klawżoli li jistgħu jiġu ddikjarati inġusti.

121. Nikkunsidra li l-kwistjoni ta' klassifikazzjoni ta' prattika kummerċjali bħala "inġusta" fis-sens tad-Direttiva 2005/29 tista' fl-aħħar mill-aħħar ikollha effett fuq il-kwalifika ta' klawżola bħala "abbużiva" fis-sens tad-Direttiva 93/13, ħaġa li l-qorti tar-rinviju tipprežumi fit-tieni parti tal-ewwel domanda tagħha, tista' biss tingħata risposta permezz ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat reċentement fis-sentenza Pénzügi Lízing [60], il-kriterji ġenerali msemmija hawn fuq huma wkoll suġġetti għall-ġurisdizzjoni ta' interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

122. Din id-dispożizzjoni tipprovdi li "il-karattru inġust ta' klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konkluż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu". Minħabba l-formulazzjoni wiesgħa ta' din id-dispożizzjoni, il-qorti nazzjonali hija marbuta li tieħu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kontenut innifsu tal-kuntratt imma wkoll numru kbir ta' fatturi oħra rilevanti [61].

123. *A fortiori*, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-fatturi li jirriflettu l-orjentament ġuridiku tal-leġiżlatur. Il-fatt li bis-saħħa tad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni espressament "[i]ċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt" jargumenta favur din l-interpretazzjoni. Mill-formulazzjoni u mill-portata tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13 u mill-interazzjoni li teżisti bejn dawn iż-żewġ Direttivi fil-kuntest tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi jirriżulta li għandu jiġi inkluż dak l-aġir li, skont id-definizzjoni ta' "prattiki kummerċjali" li tinsab fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2005/29, huwa maħsub sabiex tiġbed lill-klijenti sabiex jikkonkludu kuntratti għall-konsum. Element li juri li din l-interpretazzjoni hija korretta huwa l-ħmistax-il premessa tad-Direttiva 93/13 li tgħid li fl-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżoli, "għand[u] [j]itqies b'mod partikolari […] jekk il-konsumatur *kellu xi jħajru* […]" [62].

57 — Sentenza Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 32).

58 — Sentenzi tas-7 ta' Mejju 2002, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-478/99, Ġabra p. I-4147, punti 11 u 17) ; Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 34); Freiburger Kommunalbauten (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punti 18, 19 u 21), u tad-9 ta' Novembru 2010, Pénzügyi Lízing (C-137/08, Ġabra p. I-10847, punt 40).

59 — Sentenza Pannon GSM (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punti 37 sa 39).

60 — Sentenza Pénzügyi Lízing (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 58, punt 40).

61 — H.E. Brandner, "Maßstab und Schranken der Inhaltskontrolle bei Verbraucherverträgen", *Monatsschrift für Deutsches Recht*, 4/1997, p. 313.

62 — Enfasi miżjuda. Skont T. Pfeiffer, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 13, p. 5), l-elementi li ġejjin jistgħu jkunu importanti fil-kuntest tal-preġudizzju fuq il-libertà tal-għażla: is-sitwazzjoni ta' monopolju attwali jew ġuridika ta' wieħed mill-kontraenti; il-ħtieġa eżistenzjali jew anki urġenti ta' waħda mill-partijiet għall-prestazzjoni; il-formazzjoni u l-esperjenza tal-kummerċjant; l-eżami minn qabel manifestament approfondit mill-konsumatur; l-eżistenza ta' tranżazzjonijiet volatili ta' kuljum; l-eżistenza ta' kuntratt standardizzat; metodi ta' persważjoni kundannabbli (pereżempju, sejħa biex tappoġġja l-kapaċitajiet tal-membri tal-familja li hija immorali); minimizzazzjonijiet (pereżempju, il-firma meħtieġa "biss għall-fajl") jew l-eżistenza ta' kundizzjonijiet ta' sorpriża.

124. Jidhirli li f'dan l-istadju l-klassifikazzjoni possibbli ta' prattika kummerċjali bħala "żleali" skont il-kriterji tad-Direttiva 2005/29 għandha tiġi integrata fl-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt. Fil-fatt, il-klassifikazzjoni ta' "żleali" fis-sens tad-Direttiva 2005/29 tħares biss lejn influwenza fuq il-kapaċità ta' evalwazzjoni u tal-libertà ta' deċiżjoni tal-konsumatur li l-leġiżlatur tal-Unjoni jikkundanna. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li n-natura żleali ta' prattika kummerċjali li tintwera f'influwenza simili titfa' wkoll dawl fuq fattur essenzjali fl-evalwazzjoni tan-natura żleali ta' klawżola f'kuntratt, jiġifieri jekk il-kummerċjant aġixxiex eventwalment bi ksur tal-prinċipju tal-*bona fide* stabbilit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13. Dan jirriżulta b'mod ċar mill-ħmistax-il premessa tad-Direttiva 93/13. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13 jista' jiġi kkunsidrat sa ċertu punt bħala l-punt ta' tluq tal-evalwazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni żleali

125. Il-konverġenza ta' dawn iż-żewġ direttivi rigward l-għan ta' protezzjoni, kif diġà spjegajt [63], tirriżulta mill-fatt li meta kummerċjant jinfluwenza l-formazzjoni tal-volontà ta' konsumatur permezz ta' prattika kummerċjali inġusta, dan ta' sikwit iwassal għal distorsjoni tal-bilanċ fir-relazzjonijiet kuntrattwali bi preġudizzju għall-konsumatur [64]. Madankollu, dan bl-ebda mod ma jfisser li n-natura żleali ta' prattika kummerċjali tippermetti li jiġi konkluż awtomatikament li teżisti wkoll natura inġusta fi klawżola tal-kuntratt. Għall-kuntrarju, l-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola tal-kuntratt għandha ssir fl-ewwel lok abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13 bħala d-dritt direttament applikabbli. Il-fatt li prattika kummerċjali li tasal għall-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu għandha tiġi kkwalifikata bħala "żleali" jista' l-iktar fil-fehma tiegħi jikkostitwixxi element flimkien ma' oħrajn li fuqu għandha tiġi bbażata l-evalwazzjoni tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/13 [65]. Sa hawnhekk, jiena naqbel mal-argument tal-Gvern Ġermaniż [66] li l-konstatazzjoni ta' prattika kummerċjali żleali jista' jkollha biss effetti indiretti fuq il-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola tal-kuntratt.

d) Konklużjoni intermedja

126. Għal din ir-raġuni r-risposta għat-tieni parti tad-domanda għandha tkun li d-Direttiva 2005/29 għandha tiġi interpretata fis-sens li l-konstatazzjoni tan-natura żleali ta' prattika kummerċjali ma għandhiex effetti diretti fuq il-kwistjoni dwar jekk il-kuntratt ta' kreditu konkluż fil-kuntest ta' dik il-prattika kummerċjali huwiex validu.

3. Sunt tal-konklużjonijiet

127. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-aġir ta' kummerċjant li fil-kuntratt jindika RAEG inqas mir-rata reali tissodisfa l-kriterji li jwasslu għall-kwalifika ta' prattika kummerċjali żleali kif iddefinita fid-Direttiva 2005/29 [67]. Għalkemm din id-direttiva ma taffettwax bħala prinċipju l-validità tal-kuntratti individwali [68], hija fiha ċerti valuri espressi mil-leġiżlatur tal-Unjoni li għandhom ukoll jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qorti nazzjonali waqt l-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola tal-kuntratt. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13 jobbliga lill-qorti f'dan ir-rigward inkwantu din l-evalwazzjoni għandha ssir billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-"ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt". Fost dawn il-valuri hemm ukoll id-diżapprovazzjoni ta' ċerta prattika

63 — Ara l-punt 90 ta' dawn il-konklużjonijiet.

64 — E. Kapnopoulou, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, p. 152), jikkunsidra li ċ-ċirkustanza li ġiet eżerċitata pressjoni fuq il-konsumatur sabiex jaċċetta klawżola tal-kuntratt u li huwa ma oġġezzjonax għal din il-"pressjoni" tikkostitwixxi prova ta' żbilanċ fil-kuntratt għall-konsum inkwistjoni.

65 — G. Abbamonte, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punt 16), ma jesprimix ruħu espressament fuq il-kwistjoni dwar jekk l-evalwazzjonijiet taħt id-Direttiva 2005/29 għandhomx jintużaw fil-kuntest tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13. Madankollu, huwa jgħid li fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja wara rikors għad-dritt ċivili mill-konsumatur (fejn tintalab ir-rexissjoni tal-kuntratt jew tnaqqis fil-prezz), il-qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi importanti bħal, pereżempju, l-użu ta' prattiki kummerċjali żleali.

66 — Fil-punt 51 tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Ġermaniż.

67 — Ara l-punt 108 ta' dawn il-konklużjonijiet.

68 — Ara l-punti 86 u 111 ta' dawn il-konklużjonijiet.

kummerċjali, pereżempju fil-forma ta' influwenza illeċita mill-kummerċjant fuq il-kapaċità ta' deċiżjoni u l-libertà ta' għażla tal-konsumatur. L-eżistenza ta' prattiki kummerċjali żleali tista' sservi bħala indikazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola f'kuntratt, imma madankollu dan ma jeżentax lill-qorti nazzjonali mill-obbligu tagħha li twettaq din l-evalwazzjoni abbażi tal-elementi kollha tal-każ partikolari [69].

VII – Konklużjonijiet

128. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju kif ġej:

"1. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kwistjoni tal-eżistenza ta' kuntratt għall-konsum li jkun fih klawżoli inġusti ma hijiex marbuta mal-kwistjoni dwar jekk dan huwiex iktar vantaġġjuż għall-konsumatur. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma żżommx lill-Istati Membri milli jistabbilixxu f'każ bħal dan fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tagħhom il-konsegwenzi ġuridiċi tan-nullità tal-kuntratt kollu kemm hu.

2. Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar il-prattiki kummerċjali żleali) għandha tiġi interpretata fis-sens li l-aġir ta' kummerċjant li fil-kuntratt jindika rata annwali effettiva globali inqas mir-rata reali, tissodisfa l-kriterji li jwasslu għall-klassifikazzjoni ta' prattika kummerċjali żleali.

Il-konstatazzjoni ta' din il-prattika kummerċjali żleali ċertament ma għandhiex effetti diretti fuq l-evalwazzjoni tan-natura inġusta u tal-validità ta' klawżola u/jew tal-kuntratt ta' kreditu kollu kemm hu fis-sens tad-Direttiva 93/13. Madankollu, hija tista' tittieħed inkunsiderazzjoni bħala ċirkustanza preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt li l-qorti nazzjonali kompetenti ser tikkunsidra fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha taħt l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13."

69 — Ara l-punti 120 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.